KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fil-15 ta' April 2021 [1]

Kawża C-564/19

Proċedura kriminali
vs
IS

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pesti Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest, l-Ungerija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Dritt għal informazzjoni fil-kuntest ta' proċeduri kriminali – Direttiva 2012/13/UE – Dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni – Direttiva 2010/64/UE – Dritt li wieħed ikun preżenti fil-kuntest tal-proċeduri kriminali – Direttiva 2016/343/UE – Dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 267 TFUE – Ammissibbiltà – Appell fl-interess tal-liġi kontra deċiżjoni li tordna rinviju għal deċiżjoni preliminari – Setgħa tal-qorti superjuri li tiddikjara din id-deċiżjoni bħala illegali"

1. Kif għandu jiġi ddeterminat jekk id-deċiżjoni preliminari mitluba hijiex neċessarja sabiex tippermetti lill-qorti tar-rinviju "[tagħti] s-sentenza" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE? Kif għandu jiġi interpretat dan il-kunċett ta' "tagħti s-sentenza" li jikkostitwixxi l-qofol tal-qorti preliminari? Ċertament, din ma hijiex kwistjoni ġdida, iżda din ħadet dimensjoni partikolari ħafna fil-kuntest ta' numru kbir, wisq, ta' kawżi ta' allegat ksur tal-Istat tad-dritt u tal-indipendenza tal-qrati ttrattati mill-Qorti tal-Ġustizzja jew li qegħdin jiġu eżaminati. Għandu jiġi kkonstatat li regolarment jitressqu domandi preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li, kultant, ikunu daqstant sejħiet għall-għajnuna minn qrati nazzjonali mħassba jew saħansitra inkwetati bl-eżerċizzju ta' proċeduri dixxiplinari u li għandhom jingħataw risposta filwaqt li tiġi osservata l-ortodossija ta' dan ir-rimedju ġuridiku uniku bħalma huwa r-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

2. Fis-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, iktar 'il quddiem is-"sentenza Miasto Łowicz", EU:C:2020:234), il-Qorti tal-Ġustizzja ppruvat tikkonsolida l-ġurisprudenza tagħha fil-qasam tal-ammissibbiltà tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari f'dan is-suġġett tant sensittiv, li fih il-kunċett ta' "awtorità ta' *res judicata*" jista' jkollu dimensjoni oħra minbarra dik strettament ġuridika. Din il-kawża tagħti l-okkażjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-portata ta' din is-sentenza billi twieġeb, b'mod partikolari, għal mistoqsija mingħajr preċedent dwar deċiżjoni ta' illegalità ta' digriet ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari adottat minn qorti superjuri li tiddeċiedi fl-aħħar istanza, mingħajr ma jiġu affettwati l-effetti legali tal-imsemmi digriet.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. Minbarra ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, jiġifieri l-Artikolu 19 TUE, l-Artikolu 267 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), huma rilevanti wkoll fil-kuntest ta' din il-kawża l-Artikoli 2 u 5 tad-Direttiva 2010/64/UE[2], l-Artikoli 1, 6 u 8 tad-Direttiva 2012/13/UE[3] kif ukoll l-Artikoli 1 u 8 tad-Direttiva (UE) 2016/343[4].

B. Id-dritt Ungeriż

1. Regoli relatati mad-dritt tal-persuna implikata li tuża l-lingwa materna tagħha

4. L-Artikolu 78(1) tal-a büntetőeljárásról szóló 2017. évi XC. törvény (il-Liġi XC tal-2017 li Tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Proċeduri Kriminali) (Magyar Közlöny 2017/99., p. 9484, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi ta' Proċedura Kriminali") jipprevedi, essenzjalment, li jekk parti fi proċedura kriminali tixtieq tuża bħala l-lingwa materna lingwa oħra li ma hijiex l-Ungeriż, hija għandha d-dritt tuża l-lingwa materna tagħha u li tiġi assistita minn interpretu.

5. Skont l-Artikolu 201(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, huwa biss interpretu li jkollu kwalifika uffiċjali li jista' jinħatar fi proċedura kriminali, iżda jekk dan ma jkunx possibbli, jista' jinħatar ukoll interpretu li jkollu għarfien suffiċjenti tal-lingwa.

6. Skont l-Artikolu 755(1)(a) u (aa) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, fil-każ fejn il-persuna implikata, li tirrisjedi f'residenza magħrufa barra mill-Ungerija, tiġi mħarrka debitament u ma tippreżentax ruħha għas-seduta, il-proċedura kriminali għandha tkompli fil-kontumaċja jekk ma jkunx hemm lok li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew jew internazzjonali, jew jekk tali mandat ma jkunx inħareġ, peress li l-Prosekutur ma jipproponix l-impożizzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà jew ta' tqegħid f'ċentru ta' edukazzjoni ssorveljata.

7. Skont l-Artikolu 2 tal-a szakfordításról és tolmácsolásról szóló 24/1986. (VI.26.) minisztertanácsi rendelet (id-Digriet 24/1986 tal-Kunsill tal-Ministri dwar it-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni Uffiċjali) (Magyar Közlöny 1986/24.), traduzzjoni jew interpretazzjoni speċjalizzata tista' tiġi pprovduta bi ħlas biss fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol jew relazzjoni oħra intiża għall-eżekuzzjoni ta' xogħol minn traduttur jew interpretu li jkollu l-kwalifiki meħtieġa. L-amministrazzjoni u l-ġestjoni ċentrali ta' servizzi tat-traduzzjoni jew tal-interpretazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Ministru għall-Ġustizzja. Mill-1 ta' Ottubru 2009, iċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifiki professjonali tal-interpreti li jeżerċitaw l-attività tagħhom bħala persuna li taħdem għal rasha ma għadhiex irregolata.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU 2010, L 280, p. 1).

[3] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1).

[4] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1).

8. L-a szakfordító és tolmácsképesítés megszerzésének feltételeiről szóló 7/1986. (VI.26) MM rendelet (id-Digriet 7/1986 tal-Ministru għall-Edukazzjoni dwar ir-Rekwiżiti għall-Kisba tal-Kwalifika ta' Traduttur u ta' Interpretu) (Magyar Közlöny 1986/24.) jipprevedi li għandhom il-kwalifika ta' traduttur u interpretu speċjalizzati l-persuni li għandhom kwalifika ta' traduttur speċjalizzat, ta' traduttur-reviżur speċjalizzat, ta' interpretu, ta' interpretu speċjalizzat u ta' interpretu tal-konferenzi. Dawn il-kwalifiki jistgħu jinkisbu fl-istabbilimenti ta' tagħlim superjuri ta' taħriġ bażiku jew ta' taħriġ kontinwu, kif ukoll fl-istabbilimenti indikati mill-Ministru għall-Kultura. Ir-regolament jiddefinixxi wkoll il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jinkisbu l-kwalifiki, iżda ma jipprevedi ebda ċertifikazzjoni li dawn il-kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfatti.

2. Regoli relatati mal-proċedura għal deċiżjoni preliminari u mar-rikors fl-interess tal-liġi

9. L-Artikolu 490(1) u (2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprevedi, essenzjalment, li qorti nazzjonali tista', *ex officio* jew fuq talba tal-partijiet, tissospendi l-proċeduri quddiemha u tirreferi lejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari billi tagħmel domandi preliminari.

10. L-Artikolu 513(1)(a) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprovdi li d-digriet tar-rinviju ma huwiex suġġett għal rikors ordinarju.

11. L-Artikolu 491(1)(a) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprevedi, essenzjalment, li l-proċedura kriminali sospiża għandha titkompla jekk ir-raġunijiet li wasslu għas-sospensjoni ma jkunux għadhom jeżistu.

12. L-Artikolu 667(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprovdi li l-Prosekutur Ġenerali jista' jniedi proċedura ta' rikors straordinarju, intitolata "rikors fl-interess tal-liġi" sabiex tiġi kkonstatata l-illegalità, mill-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija, iktar 'il quddiem il-"Kúria"), tas-sentenzi u d-digrieti mogħtija mill-qrati inferjuri.

13. L-Artikolu 669 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprevedi kif ġej:

"1. Jekk il-Kúria tqis li r-rikors ippreżentat fl-interess tal-liġi huwa fondat, hija għandha tikkonstata, f'sentenza, li d-deċiżjoni li dwarha qiegħed isir ilment hija illegali u, fil-każ kuntrarju, hija tiċħad ir-rikors permezz ta' digriet.

2. Il-Kúria tista', meta tikkonstata l-illegalità tad-deċiżjoni inkwistjoni, tassolvi lill-akkużat, tiċħad trattament mediku forzat, ittemm il-proċedura, timponi piena iżgħar jew tapplika miżura iżgħar, tannulla d-deċiżjoni kkontestata u, jekk ikun il-każ, tibgħat il-kawża quddiem il-qorti inkarigata sabiex titressaq proċedura ġdida.

3. Fil-każijiet li ma humiex imsemmija fil-paragrafu 2, id-deċiżjoni tal-Kúria tkun limitata għas-sempliċi konstatazzjoni tal-illegalità.

[…]"

II. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14. Il-qorti tar-rinviju, li tiddeċiedi bħala mħallef uniku tal-Pesti Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest, l-Ungerija) (iktar 'il quddiem l-"imħallef tal-qorti tar-rinviju"), hija adita bi proċeduri mibdija kontra l-akkużat, IS, fuq il-bażi ta' att proċedurali stabbilit fis-26 ta' Frar 2018 mill-Prosekutur tal-ħames u t-tlettax-il distrett ta' Budapest (l-Ungerija) għal allegat ksur tal-leġiżlazzjoni dwar l-armi u l-munizzjon. Dan l-akkużat, ċittadin Svediż ta' oriġini Torka, ġie arrestat fl-Ungerija fil-25 ta' Awwissu 2015 u nstema' bħala persuna ssuspettata fl-istess ġurnata. Qabel is-seduta, dan tal-aħħar talab l-assistenza ta' avukat u ta' interpretu. Matul is-seduta, li għaliha l-avukat ma setax ikun preżenti, l-akkużat ġie informat permezz tal-interpretu bis-suspetti dwaru iżda huwa rrifjuta li jipproduċi depożizzjoni minħabba li ma setax jikkonsulta lill-avukat tiegħu. L-akkużat ġie rrilaxxat wara s-seduta.

15. L-akkużat jirrisjedi barra mill-Ungerija u t-taħrika waslet lura bl-indikazzjoni "mhux miġbura". Fil-preżenza ta' rekwiżitorja dwar sempliċi piena ta' multa, il-qorti tar-rinviju hija marbuta, skont id-dritt nazzjonali, tkompli l-proċedura fil-kontumaċja. Matul is-seduta, id-difiża tal-akkużat ressqet talba għat-tressiq ta' talba għal deċiżjoni preliminari, li ġiet milqugħa.

16. Fit-talba għal deċiżjoni preliminari, l-imħallef tal-qorti tar-rinviju osserva li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2010/64 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri konkreti sabiex jiżguraw li l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni pprovduti jissodisfaw il-kwalità rikjesta skont l-Artikolu 2(8) u l-Artikolu 3(9) ta' din id-direttiva, li jfisser li l-interpretazzjoni għandha tkun ta' kwalità suffiċjenti sabiex tiggarantixxi n-natura ekwa tal-proċedura, b'mod partikolari billi jiġi żgurat li l-persuni ssuspettati jew akkużati jkollhom għarfien tal-fatti li bihom ġew akkużati u jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. Huwa jsostni wkoll li l-Artikolu 5(2) tal-istess direttiva jipprevedi li sabiex jippromwovu l-adegwatezza tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni u aċċess effiċjenti għalihom, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jistabbilixxu reġistru jew reġistri ta' tradutturi u interpreti indipendenti li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa. Skont l-imħallef tal-qorti tar-rinviju, ma teżisti ebda informazzjoni fil-proċedura fuq il-mod kif għandu jintgħażel l-interpretu u kif jiġu vverifikati l-kompetenzi tiegħu, u lanqas fuq il-fatt li l-interpretu u l-akkużat jifhmu lil xulxin.

17. Barra minn hekk, l-imħallef tal-qorti tar-rinviju jindika li l-Artikolu 4(5) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2012/13 jipprevedu li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati għandhom jiġu informati immedjatament bil-miktub bid-drittijiet tagħhom f'lingwa li jifhmu kif ukoll bl-att kriminali li huma ssuspettati jew akkużati li wettqu. F'dan il-kuntest, huwa jindika li ma jeżisti ebda reġistru uffiċjali ta' tradutturi u interpreti fl-Ungerija u li l-leġiżlazzjoni Ungeriża ma tippreċiżax min jista' jinħatar fil-proċedura kriminali bħala traduttur jew interpretu *ad hoc*, u lanqas skont liema kriterji, peress li t-traduzzjoni ċċertifikata ta' dokumenti biss hija rregolata. B'hekk, skont l-imħallef tal-qorti tar-rinviju, tqum il-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali inkwistjoni għandhomx ikunu kompatibbli mad-direttivi relatati mad-drittijiet tal-persuni li kontrihom jitressqu proċeduri fl-Unjoni u jekk mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirriżultax li, fil-każ ta' inkompatibbiltà, il-qorti nazzjonali ma tistax tipproċedi għal proċedura fil-kontumaċja.

18. Barra minn hekk, l-imħallef tal-qorti tar-rinviju josserva li sa mid-dħul fis-seħħ tar-riforma ġudizzjarja tal-2012, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni ċentrali tas-sistema ġudizzjarja jappartjenu lill-President tal-Országos Bírósági Hivatal (l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Ġustizzja, l-Ungerija, iktar 'il quddiem l-"OBH"), li jinħatar mill-Parlament Ungeriż għal terminu ta' 9 snin, u li dan il-president għandu kompetenzi wisgħin, inkluż sabiex jiddeċiedi dwar l-assenjazzjoni

tal-imħallfin, sabiex jaħtar il-kapijiet tal-qrati u sabiex iniedi proċeduri dixxiplinari fil-konfront ta' mħallfin. Huwa jippreċiża wkoll li l-Kunsill Nazzjonali Ġudizzjarju (iktar 'il quddiem il-"KNĠ") – li l-membri tiegħu jiġu eletti mill-imħallfin – huwa inkarigat mis-superviżjoni tal-azzjoni tal-President tal-OBH u mill-approvazzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu f'ċerti każijiet. Issa, fit-2 ta' Mejju 2018, il-KNĠ adotta rapport li jikkonstata li l-President tal-OBH kien kiser regolarment il-liġi bil-prattika tiegħu li jiddikjara l-avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti għall-pożizzjonijiet ta' mħallef u ta' kap tal-qorti bħala li mingħajr eżitu mingħajr motivazzjoni adegwata u bil-fatt li huwa kien jipproċedi għall-ħatra ta' kapijiet temporanji tal-qrati li jagħżel hu, bħall-President tal-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), li hija l-qorti tal-appell tal-qorti tar-rinviju. Is-sitwazzjoni attwali hija kkaratterizzata minn kunflitt ta' tensjoni bejn il-President tal-OBH u l-KNĠ. F'dan il-kuntest, l-imħallef tal-qorti tar-rinviju jistaqsi jekk tali funzjonament tal-OBH huwiex kompatibbli mal-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja stabbilit mill-Artikolu 19 TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta. Huwa jistaqsi wkoll jekk f'tali kuntest il-proċedura quddiemu tistax tiġi kkunsidrata bħala ekwa.

19. Barra minn hekk, l-imħallef tal-qorti tar-rinviju josserva li s-sistema nazzjonali ta' remunerazzjoni tipprevedi trattament tal-imħallfin li huwa inferjuri għal dak tal-prosekuturi kif ukoll l-għoti diskrezzjonali mill-President tal-OBH u l-kapijiet tal-qorti ta' allowances differenti għoljin ħafna meta mqabbla mar-remunerazzjonijiet bażiċi tal-imħallfin u li jistgħu għalhekk potenzjalment jikkostitwixxu influwenza indebita u jimplikaw ksur tal-indipendenza ġudizzjarja.

20. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Pesti Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja tliet gruppi ta' domandi preliminari (il-punti (a) u (b) tal-ewwel domanda; il-punti (a) u (b) tat-tieni domanda, u l-punti (a) u (b) tat-tielet domanda).

21. Permezz ta' deċiżjoni tar-rinviju tat-18 ta' Novembru 2019, l-imħallef tal-qorti tar-rinviju ddeċieda li jissottometti *addendum* għad-domanda inizjali tiegħu u li jagħmel domandi preliminari komplementari.

22. F'dan ir-rigward, l-imħallef tal-qorti tar-rinviju jispjega li, wara s-sottomissjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari inizjali, il-Prosekutur Ġenerali, fid-19 ta' Lulju 2019, ippreżenta, abbażi tal-Artikolu 668 tal-Kodiċi tal-Proċeduri Kriminali, rikors straordinarju quddiem il-Kúria kontra d-digriet tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari f'din il-kawża, intitolat "rikors fl-interess tal-liġi", u li, f'deċiżjoni definittiva tal-10 ta' Settembru 2019, il-Kúria ddikjarat dan id-digriet bħala illegali, billi qieset, essenzjalment, li d-domandi magħmula ma kinux rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali u li l-ewwel domanda ma kinitx intiża fil-verità għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni iżda sabiex jiġi stabbilit li d-dritt Ungeriż applikabbli ma kienx konformi mal-prinċipji protetti mid-dritt tal-Unjoni. L-imħallef tal-qorti tar-rinviju jindika li, minkejja l-effett dikjaratorju tad-deċiżjoni tal-Kúria, huwa jistaqsi dwar l-aġir li għandu jsir fir-rigward tal-eżitu tal-proċedura fil-kawża prinċipali fir-rigward tal-inkompatibbiltà eventwali ta' din id-deċiżjoni mad-dritt tal-Unjoni.

23. L-imħallef tal-qorti tar-rinviju jżid li, fil-25 ta' Ottubru 2019, il-President tal-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) beda proċedura dixxiplinari fil-konfront tiegħu, billi rriproduċa letteralment il-motivi tad-deċiżjoni tal-Kúria tal-10 ta' Settembru 2019. Wara informazzjoni kkomunikata mill-Gvern Ungeriż, li tgħid li din il-proċedura ntemmet, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet mistoqsijiet lill-imħallef tal-qorti tar-rinviju. Fit-tweġiba tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2019, dan tal-aħħar ikkonferma li, permezz ta' dokument tat-

22 ta' Novembru 2019, l-imsemmi president kien irtira l-att li beda l-proċedura dixxiplinari u indika li huwa ma kellux l-intenzjoni li jimmodifika t-talba tiegħu għal deċiżjoni preliminari komplementari.

24. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Pesti Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest) iddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari komplementari (il-punti (a) sa (c) tar-raba' domanda u l-ħames domanda). B'hekk, permezz taż-żewġ deċiżjonijiet tagħha, il-qorti tar-rinviju għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) a) L-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2010/64 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istat Membru għandu jistabbilixxi reġistru ta' tradutturi u interpreti indipendenti li għandhom il-kwalifiki meħtieġa sabiex jiġi ggarantit li l-persuni akkużati li ma jifhmux il-lingwa tal-kawża jibbenefikaw minn smigħ xieraq jew, fin-nuqqas ta' dan, għandu jiżgura li n-natura adegwata tal-kwalità tal-interpretazzjoni fil-proċedura ġudizzjarja tista' tkun suġġetta għal stħarriġ?

b) Jekk l-ewwel domanda għandha tiġi risposta fl-affermattiv u jekk, fl-assenza ta' natura adegwata ta' interpretazzjoni f'dan il-każ, ma huwiex possibbli li jiġi stabbilit jekk il-persuna akkużata kinitx ġiet informata bis-suspetti jew bl-akkużi fil-konfront tagħha, l-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikoli 4(5) u 6(1) tad-Direttiva 2012/13 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-proċedura ma tistax f'dan il-każ titkompla fil-kontumaċja?

2) a) Il-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi interpretat fis-sens li dan il-prinċipju jiġi ppreġudikat meta l-President tal-[OBH] inkarigat minn funzjonijiet ta' amministrazzjoni ċentrali tal-qrati, li huwa maħtur mill-Parlament u li lilu biss irid jagħti kont, u fejn dan biss jista' jneħħieh mill-karigi tiegħu, jimla l-pożizzjoni ta' President ta' qorti – fejn dan il-President huwa b'mod partikolari awtorizzat sabiex jiddeċiedi dwar it-tqassim tal-kawżi, japplika proċeduri dixxiplinari fil-konfront ta' mħallfin u jevalwa l-imħallfin – permezz ta' ħatra diretta temporanja, billi jdur mal-proċedura ta' sejħa għal kandidaturi u billi jinjora sistematikament l-opinjoni tal-korpi ġudizzjarji awtonomi awtorizzati għal dan il-għan?

b) Jekk [il-paragrafu (a) tat-tieni domanda] għand[u] [j]ingħata risposta fl-affermattiv, u fejn l-imħallef inkarigat minn kawża partikolari jista' jkollu raġunijiet fondati sabiex jibża' li huwa ser jiġi indebitament ippreġudikat minħabba l-attivitajiet ġudizzjarji jew amministrattivi tiegħu, il-prinċipju ċċitat iktar 'il fuq għandu jiġi interpretat fis-sens li smigħ xieraq ma huwiex iggarantit?

3) a) Il-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u fl-Artikolu 47 tal-[Karta] kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma hijiex kompatibbli ma' dan il-prinċipju s-sitwazzjoni li fiha, sa mill-1 ta' Settembru 2018, kuntrarjament għall-prassi li kienet isseħħ sa minn deċennji, l-imħallfin Ungeriżi, skont il-liġi, jirċievu remunerazzjoni inqas mill-prosekuturi li għandhom l-istess grad fl-istess funzjoni ta' xogħol u l-istess anzjanità, u fejn, jekk tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiż, ir-remunerazzjoni tagħhom ma hijiex b'mod ġenerali konformi mal-importanza tal-kompiti li huma jwettqu, b'teħid inkunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-prassi tal-bonuses diskrezzjonali applikata għal funzjonijiet ta' amministrazzjoni ogħla?

b) Jekk għandha tingħata risposta fl-affermattiv, il-prinċipju ċċitat iktar ’il fuq ta’ indipendenza tal-qrati għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt għal smigħ xieraq ma jistax jiġi ggarantit f’dawn il-kundizzjonijiet?

4) a) L-Artikolu 267 [TFUE] għandu jiġi interpretat fis-sens li tmur kontra din id-dispożizzjoni deċiżjoni ta’ ġurisprudenza nazzjonali li skont din l-ogħla awtorità ġudizzjarja nazzjonali, fil-kuntest ta’ proċedura intiża għall-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Istat Membru, mingħajr ma taffettwa l-effetti legali tad-digriet inkwistjoni, tikklassifika bħala illegali d-digriet tal-qorti inferjuri li permezz tiegħu nbdiet il-proċedura għal deċiżjoni preliminari?

b) Jekk [il-paragrafu (a) tar-raba’] domanda għand[u] [j]ingħata risposta fl-affermattiv, l-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti tar-rinviju ma għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet kuntrarji tal-qorti superjuri u l-pożizzjonijiet ta’ prinċipju meħuda fl-interess tal-uniformità tad-dritt?

c) Jekk [il-paragrafu (a) tar-raba’] domanda għand[u] [j]ingħata risposta fin-negattiv, il-proċeduri kriminali sospiżi jistgħu jitkomplew filwaqt li l-proċedura għal deċiżjoni preliminari tkun għadha għaddejja?

5) Il-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) [TUE] u fl-Artikolu 47 tal-[Karta] kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi interpretat fis-sens li, fid-dawl tal-Artikolu 267 TFUE, dan il-prinċipju jiġi ppreġudikat meta tinbeda proċedura dixxiplinari fil-konfront ta’ mħallef minħabba li jkun beda proċedura għal deċiżjoni preliminari?”

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Tressqu osservazzjonijiet mill-Gvern Ungeriż, Olandiż u dak Svediż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

IV. Analiżi

26. Għandu jiġi rrilevat, b’mod preliminari, li l-Gvern Ungeriż jikkontesta l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari kollha magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja u dan għall-istess raġuni, jiġifieri l-assenza ta’ rabta bejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba u t-tilwima fil-kawża prinċipali, fejn id-domandi magħmula huma deskritti bħala li huma neqsin minn rilevanza għar-riżoluzzjoni ta’ din tal-aħħar. Din il-kritika ġġeneralizzata jistħoqqilha tweġiba distinta fuq il-bażi tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b’mod iktar partikolari, tal-espressjoni kkonsolidata tagħha li toħroġ mis-sentenza Miasto Łowicz.

27. F’din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li l-eżattezza tagħhom ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta’ rilevanza. Madankollu, hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE tikkostitwixxi strument ta’ kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali li bis-saħħa tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-qrati nazzjonali l-elementi ta’ interpretazzjoni

tad-dritt tal-Unjoni li dawn jeħtieġu sabiex isolvu t-tilwim li jkunu ntalbu jiddeċiedu. Il-ġustifikazzjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma hijiex il-formulazzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi dwar domandi ġenerali jew ipotetiċi, iżda l-ħtieġa inerenti għas-soluzzjoni effettiva ta' tilwima [5].

28. Kif jirriżulta mill-kliem stess tal-Artikolu 267 TFUE, id-deċiżjoni preliminari mitluba għandha tkun "meħtieġa" sabiex tippermetti li l-qorti tar-rinviju "[j]kunu jistgħu jagħtu s-sentenza" tagħha fil-kawża li jkunu adita biha. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret repetutament li kemm mill-kliem kif ukoll mill-istruttura tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-proċedura għal deċiżjoni preliminari tippreżumi, b'mod partikolari, li tilwima tkun effettivament pendenti quddiem il-qrati nazzjonali, li fil-kuntest tagħha huma mitluba jagħtu deċiżjoni li tista' tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza dwar id-deċiżjoni preliminari. Il-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari, hija li tassisti lill-qorti tar-rinviju fis-soluzzjoni tat-tilwima konkreta pendenti quddiemha. Fil-kuntest ta' tali proċedura, għandu għalhekk ikun hemm, bejn l-imsemmija tilwima u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba, rabta b'tali mod li din l-interpretazzjoni tissodisfa bżonn oġġettiv għad-deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju għandha tieħu [6].

29. Mis-sentenza Miasto Łowicz jirriżulta li din ir-rabta tista' tkun diretta jew indiretta. Din tkun diretta meta l-qorti nazzjonali titwassal biex tapplika d-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tiegħu hija mitluba sabiex tiġi stabbilita s-soluzzjoni fuq il-mertu li għandha tingħata għat-tilwima fil-kawża prinċipali. Din tkun indiretta meta d-deċiżjoni preliminari tkun ta' natura li tagħti lill-qorti tar-rinviju interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tippermettilha tiddeċiedi kwistjonijiet proċedurali, kemm tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tad-dritt nazzjonali, qabel ma tkun tista' tiddeċiedi fuq il-mertu tat-tilwima mressqa quddiemha [7].

30. Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, inqis li t-tweġiba li għandha tingħata għall-ilment ta' inammissibbiltà mqajjem mill-Gvern Ungeriż hija ċertament fin-negattiv għall-ewwel domanda u fl-affermattiv għat-tieni u t-tielet domanda, filwaqt li s-soluzzjoni għar-raba' u l-ħames domanda teħtieġ, min-naħa l-oħra, analiżi iktar sfumata. Minn din il-perspettiva, fir-rigward tal-ordni ta' eżami tad-domandi, jidhirli neċessarju li neżamina bi prijorità r-raba' domanda preliminari li ssegwi l-iżviluppi proċedurali nazzjonali konsekuttivi għall-ewwel deċiżjoni tar-rinviju, ikkostitwiti f'dan il-każ mill-preżentata ta' appell fl-interess tal-liġi mill-Prosekutur Ġenerali u mill-adozzjoni sussegwenti tas-sentenza tal-Kúria lil tiddikjara din id-deċiżjoni bħala illegali. Jidhirli fil-fatt li din id-domanda għandha natura preliminari minn perspettiva tal-loġika tar-raġunament, fis-sens li din tikkonċerna l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari inizjali.

A. Fuq ir-raba' domanda

31. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 267 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-adozzjoni mill-oġħla qorti nazzjonali, adita b'appell fl-interess tal-liġi, ta' deċiżjoni li tiddikjara d-digriet tar-rinviju għal

[5] Sentenza Miasto Łowicz (punti 43 u 44).

[6] Sentenza Miasto Łowicz (punti 45 u 46).

[7] Ara s-sentenza Miasto Łowicz (punti 49 sa 51). Fis-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, Ministerio Fiscal (Awtorità li tista' tirċievi applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali) (C-36/20 PPU, EU:C:2020:495, punt 49), huwa ppreċiżat li ċ-ċaħda ta' talba mressqa minn qorti nazzjonali hija possibbli biss jekk jidher li l-proċedura tal-Artikolu 267 TFUE tkun intużat għal skop differenti u tkun intiża, fil-verità, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni permezz ta' tilwima immaġinarja jew jekk ikun evidenti li d-dritt tal-Unjoni ma għandux japplika, la direttament u lanqas indirettament, għaċ-ċirkustanzi tal-każ.

deċiżjoni preliminari bħala illegali, mingħajr madankollu ma taffettwa l-effetti legali tiegħu fir-rigward tas-sospensjoni tal-proċedura fil-kawża prinċipali u t-tkomplija tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, għar-raġunijiet li d-domandi preliminari ma humiex neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima u huma intiżi biex tiġi kkonstatata l-inkompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konsegwenzi ta' risposta fl-affermattiv jew fin-negattiv għal din id-domanda għall-iżvolġiment tal-proċedura fil-kawża prinċipali u t-teħid inkunsiderazzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti superjuri fir-rigward tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

1. Fuq l-ammissibbiltà

32. Insostenn tat-talbiet tiegħu ta' inammissibbiltà, il-Gvern Ungeriż jenfasizza l-assenza ta' rilevanza ta' din id-domanda għall-eżitu tal-kawża prinċipali, sa fejn il-Kúria ma annullatx id-deċiżjoni ta' rinviju u ta' sospensjoni tal-proċedura kriminali, u lanqas ma imponiet lill-qorti tar-rinviju tirtira jew temenda din id-deċiżjoni tal-aħħar. Għalhekk, l-iżvolġiment tal-proċedura ġudizzjarja f'ebda każ ma huwa interrott u l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tikkunsidra *in fine* t-talba għal deċiżjoni preliminari inkwistjoni bħala ammissibbli.

33. Fil-fehma tiegħi, dan l-argument ma jistax jintlaqa', peress li d-domanda preliminari kkonċernata għandha tiġi kkunsidrata bħala ammissibbli minħabba rabta indiretta iżda reali bejn it-tilwima fil-kawża prinċipali u l-Artikolu 267 TFUE. Fil-fatt, permezz tar-raba' domanda preliminari u l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li hija titlob f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju ma tixtieqx li tingħata kjarifika dwar il-mertu tat-tilwima li għandha quddiemha u li min-naħa tagħha hija marbuta ma' kwistjonijiet oħra li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni, iżda tixtieq li tingħata kjarifika dwar problema ta' natura proċedurali li għandha tiġi deċiża minnha *in limine litis*, ġaladarba tikkonċerna l-kundizzjonijiet tat-tkomplija tal-proċedura fil-kawża prinċipali wara s-sentenza tal-Kúria li tiddikjara d-deċiżjoni tar-rinviju inizjali bħala illegali [8].

34. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi enfasizzat li skont l-Artikolu 490(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Ungeriż "il-qorti tista' tippreżenta, *ex officio* jew fuq rikors minn parti, proċedura għal deċiżjoni preliminari quddiem il-[Qorti tal-Ġustizzja], konformement mar-regoli ffissati mit-Trattati li jikkostitwixxu l-bażi tal-Unjoni Ewropea". Konformement mal-kliem tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi, permezz ta' digriet, jew li tiftaħ proċedura għal deċiżjoni preliminari u tissospendi b'mod konġunt il-proċedura, jew li tiċħad ir-rikors intiż għall-ftuħ ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari. Wara l-preżentata mill-Prosekutur Ġenerali ta' appell fl-interess tal-liġi skont l-Artikolu 667(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, il-Kúria wettqet stħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni inizjali tar-rinviju fir-rigward tal-Artikolu 490 tal-istess kodiċi.

35. Mis-sentenza tal-Kúria jirriżulta li din tal-aħħar ħadet l-impenn li tivverifika jekk kienx hemm raġuni għall-qorti tar-rinviju li tagħmel id-domandi preliminari, liema fatt kien jiddetermina l-legalità tas-sospensjoni tal-proċedura kriminali sussegwenti. B'hekk hija qieset li l-imsemmija domandi ma kinux neċessarji għall-finijiet tas-soluzzjoni li għandha tingħata lit-tilwima, billi dawn ma jqumux fir-realtà jew ma għandhom ebda rabta mal-fatti tal-imsemmija tilwima [9] peress li l-ewwel domandi, barra minn hekk, ma humiex intiżi għal interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni iżda sabiex jiġi stabbilit in-nuqqas ta' konformità tad-dritt Ungeriż applikabbli mad-dritt

[8] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 99).

[9] Ara l-punti 61 u 70 tas-sentenza tal-Kúria.

tal-Unjoni [10]. Minn dan il-Kúria kkonkludiet li, permezz tad-digriet tagħha ta' tressiq ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari u ta' sospensjoni tal-proċedura kriminali, il-qorti tar-rinviju kienet kisret il-liġi dwar il-proċeduri kriminali, f'dan il-każ ir-regoli tal-Artikolu 490 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għalkemm id-deċiżjoni inizjali tar-rinviju ma ġietx annullata mill-Kúria, hija xorta waħda ġiet iddikjarata illegali għal dak li jikkonċerna l-ordinament ġuridiku Ungeriż [11].

36. Quddiem din id-deċiżjoni tal-Kúria, il-qorti tar-rinviju ikkondividiet il-mistoqsijiet tagħha dwar l-aġir applikabbli fir-rigward ta' diversi elementi. Qabel kollox, hija tirreferi għall-Artikolu 491(1)(a) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali li jipprevedi li jekk tisparixxi r-raġuni li għaliha l-proċedura ġiet sospiża, il-qorti għandha tkompli tittratta l-kawża, u dan jista' jkun il-każ fl-ipoteżi fejn l-imsemmija raġuni ġiet ikkunsidrata bħala illegali bħal f'dan il-każ. Sussegwentement, l-imħallef tal-qorti tar-rinviju enfasizza li, fir-rigward tal-kwalità tiegħu u tad-dispożizzjonijiet statutorji relatati, b'mod partikolari, mal-evalwazzjoni tal-imħallfin, hija r-responsabbiltà tiegħu li josserva b'mod ġenerali l-legalità u li jsegwi l-gwidi tal-ġurisprudenza tal-qrati superjuri u għalhekk li jastjeni milli jadotta kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja illegali. Fl-aħħar nett, minkejja li d-deċiżjoni tal-Kúria ma għandhiex saħħa legali vinkolanti, din ġiet ippubblikata fil-ġabra uffiċjali rriżervata għad-deċiżjonijiet ta' prinċipju bl-għan li tiġi żgurata l-uniformità tad-dritt nazzjonali u l-qorti tar-rinviju tista' twarrabha biss billi timmotiva l-pożizzjoni tagħha b'mod espliċitu.

37. Għandu jitfakkar li l-effett dikjaratorju tad-deċiżjoni tal-Kúria u l-assenza ta' modifika tas-sitwazzjoni *inter partes* ma jestendux ruħhom lil hinn mill-fażi tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari u mis-sospensjoni tal-proċedura fil-kawża prinċipali sal-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-kwistjoni ulterjuri tar-responsabbiltà kriminali tal-akkużat tibqa' kompletament u tiġi deċiża minn deċiżjoni finali tal-qorti tar-rinviju li tibbaża ruħha fuq digriet tar-rinviju inizjali illegali fl-ordinament ġuridiku Ungeriż skont deċiżjoni definittiva tal-Kúria. Huwa interessanti li jiġi osservat li, fil-kuntest tal-motivazzjoni tagħha [12], il-Kúria tindika li l-qorti inferjuri għandha s-setgħa tissospendi l-proċedura kriminali jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa mil-liġi jiġu ssodisfatti, u dan jista' jsir biss "sabiex tingħata deċiżjoni *fuq il-mertu* legali u fondata" (korsiv miżjud minni). Minn tali motivazzjoni jiġi dedott li l-illegalità tad-deċiżjoni intermedjarja ta' sospensjoni hija neċessarjament ta' natura li taffettwa r-regolarità tad-deċiżjoni finali fuq il-mertu. Issa, huwa paċifiku li d-deċiżjoni fuq il-mertu relatata ma' din ir-responsabbiltà tista' tkun is-suġġett ta' rikors ordinarju fid-dritt nazzjonali, mingħajr lanqas ma tissemma l-possibbiltà ta' appell ġdid fl-interess tal-liġi imressaq mill-Prosekutur Ġenerali.

38. Mid-deċiżjoni komplementari tar-rinviju jirriżulta li l-alternattiva li għandha l-qorti li ressqet it-talba mit-tweġibiet possibbli tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-mistoqsija tagħha dwar il-kompatibbiltà tad-deċiżjoni tal-Kúria mal-Artikolu 267 TFUE hija stabbilita kif ġej:

– kieku l-Kúria setgħet tiddikjara validament id-deċiżjoni inizjali tar-rinviju bħala illegali, il-qorti tar-rinviju jkollha tkompli bil-proċedura kriminali u tiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà tal-akkużat billi tieħu inkunsiderazzjoni l-proċess nazzjonali biss, u b'hekk l-ewwel, it-tieni u

[10] Ara l-punt 64 tas-sentenza tal-Kúria.

[11] Fil-punt 20 tas-sentenza tal-Kúria, ġie ppreċiżat li r-rikors fl-interess tal-liġi jippermetti li jiġi evitat li ma jkunx impossibbli li deċiżjoni ġudizzjarja li bħala prinċipju tkun illegali titwarrab.

[12] Ara l-punt 75 tas-sentenza tal-Kúria.

t-tielet domanda preliminari jkollhom jitqiesu li huma mingħajr rilevanza għal dan l-għan [13];

– kieku l-Kúria tkun żbaljata billi ddikjarat id-deċiżjoni msemmija iktar ’il fuq bħala illegali, il-qorti tar-rinviju jkollha tapplika d-dritt tal-Unjoni, kif interpretat fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-finijiet li tistabbilixxi s-soluzzjoni tal-mertu li għandha tiġi rriżervata għat-tilwima fil-kawża prinċipali, filwaqt li twarrab, għal raġunijiet ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni, is-sentenza tal-Kúria.

39. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għar-raba’ domanda hija, fl-opinjoni tiegħi, ta’ natura li tagħti lill-qorti tar-rinviju interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, f’dan il-każ tal-Artikolu 267 TFUE, li tippermettilha tiddeċiedi kwistjoni proċedurali tad-dritt nazzjonali qabel ma tkun tista’ tiddeċiedi fuq il-mertu tat-tilwima prinċipali mressqa quddiemha [14]. Għalhekk, din hija kompletament ammissibbli.

2. Fuq il-mertu

40. Mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, skont id-dritt proċedurali kriminali Ungeriż, jekk ma jkun infetaħ ebda rimedju ġudizzjarju ordinarju kontra deċiżjoni li tordna rinviju għal deċiżjoni preliminari u s-sospensjoni tal-proċedura fil-kawża prinċipali, dan l-att jista’ jkun is-suġġett ta’ rikors straordinarju, f’dan il-każ appell fl-interess tal-liġi ppreżentat mill-Prosekutur Ġenerali quddiem il-Kúria u intiż sabiex tiġi żgurata l-unità tad-dritt nazzjonali. Il-qorti superjuri adita b’dan għandha s-setgħa li tiddikjara d-deċiżjoni msemmija iktar ’il fuq bħala illegali, fejn din il-konstatazzjoni jkollha effett biss għall-futur.

41. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward ta’ qorti li d-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jkunu suġġetti għal rimedju ġudizzjarju skont id-dritt intern, l-Artikolu 267 TFUE ma jipprekludix li d-deċiżjonijiet ta’ tali qorti li tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jibqgħu suġġetti għar-rimedji ġudizzjarji normali pprovduti mid-dritt nazzjonali. Madankollu, l-eżitu ta’ tali rikors ma jistax jillimita l-ġurisdizzjoni li l-Artikolu 267 TFUE jagħti lil din il-qorti biex tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk hija tikkunsidra li kawża pendenti quddiemha tqajjem kwistjonijiet ta’ interpretazzjoni ta’ dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu deċiżjoni minn din tal-aħħar. B’hekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din il-ġurisdizzjoni ma setgħetx titqiegħed inkwistjoni bl-applikazzjoni ta’ regoli tad-dritt nazzjonali li kienu jippermettu lil qorti adita bl-appell tbiddel id-deċiżjoni li tordna rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, twarrab dan ir-rinviju u tordna lill-qorti li tkun tat din id-deċiżjoni tkompli bil-proċedura tad-dritt intern li kienet ġiet sospiża [15]. F’sitwazzjoni fejn kawża kienet tinsab għat-tieni darba pendenti quddiem qorti tal-ewwel istanza wara li deċiżjoni mogħtija minnha kienet ġiet annullata minn qorti tal-aħħar istanza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li din il-qorti tal-ewwel istanza tibqa’ libera li tagħmel rinviju

[13] Il-formulazzjoni tal-punt (c) tar-raba’ domanda jidhirli, f’dan ir-rigward, li fiha ċerta ambigwità mhux xierqa sabiex tagħti lok għal risposta utli mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta’ proċedura għal deċiżjoni preliminari li l-iżvolġiment tagħha ma huwiex affettwat mid-deċiżjoni tal-Kúria. Il-formulazzjoni tal-imsemmija domanda, li tenfasizza problema ta’ żmien, tagħmel sens biss kieku t-talba għal deċiżjoni preliminari komplementari kienet ġiet ittrattata b’mod iżolat u bi prijorità mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ma huwiex il-każ peress li d-domandi kollha nġabru flimkien fil-kuntest ta’ proċedura unika għal deċiżjoni preliminari li dwarha l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni waħda. Fi kliem ieħor u għall-kuntrarju tal-indikazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-kwistjoni ma hijiex jekk il-qorti tar-rinviju għandhiex tistenna r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja mingħajr ma jkollha “fil-frattemp” tittratta l-proċedura nazzjonali sospiża.

[14] Sentenza Miasto Łowicz (punt 51).

[15] Sentenzi tas-16 ta’ Diċembru 2008, Cartesio (C-210/06, EU:C:2008:723, punti 89, 93, 95 u 98), u tas-16 ta’ Jannar 1974, Rheinmühlen-Düsseldorf (166/73, EU:C:1974:3).

lill-Qorti tal-Ġustizzja bis-saħħa l-Artikolu 267 TFUE minkejja l-eżistenza ta' regola fid-dritt intern li torbot lill-qrati fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-punti ta' dritt magħmula minn qorti superjuri.

42. Għandu jiġi kkonstatat li dawn iż-żewġ soluzzjonijiet ma humiex rilevanti, sa fejn is-sentenza tal-Kúria ma annullatx id-digriet tar-rinviju, ma timponix lill-qorti tar-rinviju tirtirah jew temendah u lanqas li tkompli l-proċedura kriminali inizjalment sospiża. Il-qorti superjuri kkonstatat illegalità mingħajr ma tat rimedju għaliha. Jibqa' l-fatt li l-analiżi ta' din id-deċiżjoni ma tistax tieqaf ma' din l-osservazzjoni u mad-dispożittiv uniku tagħha, li għandu jinqara neċessarjament fid-dawl tal-motivi li minnhom ma jistax jiġi sseparat.

43. Fil-kuntest ta' din is-sentenza, il-Kúria wettqet stħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni inizjali tar-rinviju fir-rigward tal-Artikolu 490 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali ikkunsidrat bħala "rappreżentazzjoni" fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari [16]. Konformement ma' din il-premessa waħdanija, akkumpanjata minn prekawzjonijiet formali fir-rigward tal-osservanza tal-ġurisdizzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kúria wettqet forma ta' stħarriġ ta' ammissibbiltà tad-deċiżjoni inizjali tar-rinviju intiż sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-risposti għad-domandi magħmula mill-qorti fil-kawża kkunsidrata kinux neċessarji sabiex tingħata deċiżjoni dwar is-sustanza tal-kawża. Mill-analiżi tagħha ta' din tal-aħħar, hija qieset li l-ewwel domanda ma kinitx tqum fir-realtà u li t-tieni u t-tielet domanda ma kellhom ebda rabta mal-kawża. Fatt iktar sorprendenti huwa t-tieni motiv ta' legalità adottat, konformement mar-rekwiżitorja tal-Prosekutur Ġenerali, għall-ewwel domanda, jiġifieri li fir-realtà din ma kinitx intiża għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni iżda sabiex jiġi stabbilit li d-dritt Ungeriż applikabbli ma kienx konformi mal-prinċipji protetti mid-dritt tal-Unjoni. Dan il-motiv ibbażat fuq evalwazzjoni tal-iskop tad-domandi preliminari jikkorrispondi għall-implimentazzjoni ta' ġurisprudenza stabbilita tal-ogħla qorti nazzjonali Ungeriża biċ-ċirkustanza, li hawnhekk hija aggravanti, li s-soluzzjoni adottata tikkonċerna d-deċiżjoni ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari nnifisha u mhux dik li tirrigwarda r-rifjut tal-qorti tal-mertu li tilqa' talba minn parti minn rinviju għal deċiżjoni preliminari.

44. Jidhirli li l-imsemmija sentenza motivata b'dan il-mod tippreġudika l-possibbiltà tal-qorti tar-rinviju li tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja u tikser, għalhekk, l-Artikolu 267 TFUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

45. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 19 TUE, huma l-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja li għandhom jiggarantixxu l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha kif ukoll il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li l-individwi jgawdu bis-saħħa ta' dan id-dritt. B'mod partikolari, l-element ċentrali tas-sistema ġudizzjarja kkonċepita b'dan il-mod huwa l-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE li, filwaqt li tistabbilixxi djalogu bejn qorti u oħra, preċiżament bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri, hija intiża li tiżgura l-unità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u b'hekk tippermetti li jiġu żgurati l-koerenza tiegħu, l-effett sħiħ tiegħu u l-awtonomija tiegħu kif ukoll, fl-aħħar nett, in-natura speċifika tad-dritt stabbilit mit-Trattati [17].

46. L-Artikolu 267 TFUE jagħti lill-qrati nazzjonali diskrezzjoni mill-iktar wiesgħa sabiex jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk huma jqisu li kawża pendenti quddiemhom tqajjem kwistjonijiet li jeħtieġu interpretazzjoni jew evalwazzjoni tal-validità tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni neċessarji għar-riżoluzzjoni tat-tilwima mressqa quddiemhom. Barra minn hekk, il-qrati

[16] Ara l-punti 47 u 66 tas-sentenza tal-Kúria.

[17] Sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea (C-284/16, EU:C:2018:158, punti 36 u 37).

nazzjonali huma liberi li jeżerċitaw din id-diskrezzjoni f'kull stadju tal-proċedura li huma jqisu xieraq. Regola tad-dritt nazzjonali, ta' natura leġiżlattiva jew ġurisprudenzjali, ma tistax għalhekk twaqqaf lil qorti nazzjonali milli tagħmel użu mill-imsemmija diskrezzjoni, li hija, fil-fatt, inerenti għas-sistema ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, u għall-funzjonijiet ta' qorti responsabbli mill-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fdati minn din id-dispożizzjoni lill-qrati nazzjonali [18].

47. Id-djalogu għal deċiżjoni preliminari ddefinit hawnhekk ma jaqax taħt relazzjoni triangolari li tinkludi qorti, minbarra l-Qorti tal-Ġustizzja u l-qorti tar-rinviju, li tista' twettaq evalwazzjoni awtonoma tar-rilevanza u tan-neċessità tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari sabiex minnha tiġi kkonstatata sussegwentement l-illegalità mill-fatt tal-assenza ta' dawn il-karatteristiċi [19]. Din is-sitwazzjoni tmur kontra l-fatt li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jistrieħ fuq djalogu bejn qorti u oħra, li l-ftuħ tiegħu jiddependi kollu kemm hu mill-evalwazzjoni li tagħmel il-qorti nazzjonali tar-rilevanza u tal-bżonn ta' dan ir-rinviju, suġġett għall-verifika limitata magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja [20]. Fi kliem ieħor, l-eżami tal-ammissibbiltà tad-domandi preliminari jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja.

48. Fit-tieni lok, l-effettività tad-dritt tal-Unjoni tkun mhedda li kieku l-eżitu ta' rikors quddiem l-ogħla qorti nazzjonali seta' jipprekludi lill-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq tilwima rregolata mid-dritt tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE milli tissottometti lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni, sabiex tippermettilha tiddeċiedi jekk regola nazzjonali hijiex kompatibbli jew le ma' dan id-dritt [21]. Dan jidhirli li huwa effettivament il-każ tas-sentenza tal-Kúria li fiha twettqet analiżi tal-iskop tad-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita f'dan is-sens, sabiex jiġi evitat stħarriġ tal-kompatibbiltà tar-regoli nazzjonali fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni. Tali prassi ġudizzjarja jista' jkollha bħala konsegwenza li qorti nazzjonali, li jkollha dubji fir-rigward tal-kompatibbiltà tad-dritt intern mad-dritt tal-Unjoni, tippreferi tastjeni milli tressaq domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tevita dikjarazzjoni ta' illegalità tad-deċiżjoni li tordna r-rinviju għal deċiżjoni preliminari u s-sospensjoni tal-proċedura fil-kawża prinċipali li tista' tikkompromett l-validità tad-deċiżjoni fuq il-mertu li għandha tingħata [22].

49. Fit-tielet lok, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja hija vinkolanti fuq il-qorti nazzjonali, fir-rigward tal-interpretazzjoni jew il-validità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni inkwistjoni, għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali [23]. Wara li tirċievi r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għal domanda li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li hija tkun għamlitilha, qorti li tagħti deċiżjoni fl-ewwel jew l-aħħar istanza għandha, hija stess, tagħmel dak kollu li huwa neċessarju sabiex din

18 Sentenzi Miasto Łowicz (punti 56 u 57) u tal-5 ta' April 2016, PFE (C-689/13, EU:C:2016:199, punt 34).

19 Fil-punt 26 tal-osservazzjonijiet tiegħu relatati mal-ewwel talba għal deċiżjoni preliminari, il-Gvern Ungeriż ma jibżax jindika li huwa ġġustifikat il-fatt li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-ammissibbiltà tad-domandi preliminari magħmula, il-Qorti tal-Ġustizzja "għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-opinjoni espressa mill-Kúria" peress li din tal-aħħar tat l-opinjoni tagħha b'mod espliċitu dwar ir-rilevanza tal-imsemmija domandi.

20 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Cartesio (C-210/06, EU:C:2008:723, punti 91 u 96), u tas-27 ta' Frar 2014, Pohotovosť (C-470/12, EU:C:2014:101, punt 31). Kif indika l-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Cartesio (C-210/06, EU:C:2008:294) "[p]ermezz tat-talba għal deċiżjoni preliminari, il-qorti nazzjonali ssir parti mit-trattazzjoni tad-dritt [tal-Unjoni] mingħajr ma tkun tiddependi fuq poteri jew istanzi ġudizzjarji nazzjonali oħra […]. It-Trattat ma kellux il-ħsieb li dan id-djalogu jiġi ffiltrat minn xi qrati nazzjonali oħra, irrispettivament minn kif tkun il-ġerarkija ġudizzjarja fi Stat".

21 Ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli (C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punt 45).

22 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov (C-614/14, EU:C:2016:514, punt 25).

23 Ara s-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 29).

l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni tiġi implimentata [24]. L-Artikolu 267 TFUE jeżiġi li l-qorti tar-rinviju tagħti effett sħiħ lill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja [25]. F'dan il-każ, jidhirli li sentenza tal-ogħla qorti nazzjonali, ippubblikata fil-ġabra rriżervata għad-deċiżjonijiet ta' prinċipju, li tiddikjara bħala illegali, b'mod definittiv fl-ordinament ġuridiku nazzjonali, digriet ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari qabel id-deċiżjoni fuq il-mertu ta' riżoluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali li għandha tintegra r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba hija ta' natura li tostakola l-eżekuzzjoni ta' dan l-obbligu mill-qorti tar-rinviju.

50. B'hekk jidher li s-sentenza tal-Kúria hija ta' natura li tqiegħed inkwistjoni l-karatteristiċi essenzjali tas-sistema ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE u s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni fl-ordinament ġuridiku intern.

51. Finalment għandu jingħad ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-qorti nazzjonali responsabbli mill-applikazzjoni, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tagħha, tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, għandha l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ ta' dawn ir-regoli u fejn huwa neċessarju, fuq awtorità tagħha stess, għandha toqgħod lura milli tapplika kull dispożizzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li hija kuntrarja, anki jekk tkun sussegwenti. Dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali li tipprekludi l-implimentazzjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE għandha tiġi eskluża mingħajr ma l-qorti kkonċernata jkollha titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali permezz ta' leġiżlazzjoni jew permezz ta' kwalunkwe proċedura oħra ta' natura kostituzzjonali [26]. Fil-fatt, kull dispożizzjoni, ta' ordinament ġuridiku nazzjonali jew kull prassi, leġiżlattiva, amministrattiva jew ġudizzjarja, li jkollha bħala effett li tnaqqas l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni billi tiġi rrifjutata lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni biex tapplika dan id-dritt is-setgħa li tagħmel, fil-mument stess ta' din l-applikazzjoni, dak kollu li huwa neċessarju sabiex jiġu esklużi d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li eventwalment ikunu ta' ostakolu għall-effikaċja sħiħa tar-regoli tal-Unjoni, tkun inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għan-natura stess tad-dritt tal-Unjoni [27].

52. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għar-raba' domanda tkun li, fil-preżenza ta' regoli tad-dritt nazzjonali dwar l-eżerċizzju ta' rikors straordinarju intiż għall-unifikazzjoni tal-imsemmi dritt kontra deċiżjoni li tordna rinviju għal deċiżjoni preliminari, l-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' tali regoli li jippermettu lill-qorti superjuri adita tiddikjara din id-deċiżjoni bħala illegali, mingħajr ma taffettwa l-effetti legali tagħha fir-rigward tas-sospensjoni tal-proċedura fil-kawża prinċipali u t-tkomplija tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, għar-raġunijiet li d-domandi preliminari magħmula ma humiex neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima u huma intiżi sabiex tiġi kkonstatata l-inkompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. Is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni tobbliga lill-qorti nazzjonali tar-rinviju twarrab dawn ir-regoli u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jagħtuhom effett.

[24] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' April 2016, PFE (C-689/13, EU:C:2016:199, punt 42).

[25] Ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov (C-614/14, EU:C:2016:514, punt 28).

[26] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikorsi) (C-824/18, EU:C:2021:153, punt 141).

[27] Ara s-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli (C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punti 43 u 44) u tal-5 ta' April 2016, PFE (C-689/13, EU:C:2016:199, punti 40 u 41).

B. Fuq l-ewwel domanda

1. Fuq l-ammissibbiltà

53. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali biss fil-każ li jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għad-domandi li jkunu sarulha [28].

54. F'dan il-każ, mill-proċess imressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax b'mod manifest li s-sitwazzjoni inkwistjoni tikkorrispondi għal waħda minn dawn l-ipoteżijiet. Għall-kuntrarju, hemm effettivament pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju proċedura kriminali fil-kontumaċja li tikkonċerna lil IS, ċittadin Svediż ta' oriġini Torka, akkużat bi ksur tal-leġiżlazzjoni dwar l-armi tan-nar u l-munizzjon wara investigazzjoni li matulha l-persuna kkonċernata nstemgħet mis-servizzi tal-pulizija fil-preżenza ta' interpretu li ttraduċielu l-komunikazzjoni tad-drittijiet tiegħu u tas-suspetti fil-konfront tiegħu. Għandu jiġi kkonstatat li t-tilwima fil-kawża prinċipali għandha manifestament, fir-rigward tal-mertu, rabta mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2010/64 u 2012/13 li jissemmew fl-ewwel domanda preliminari, u li l-qorti tar-rinviju għaldaqstant ser tkun imsejħa tapplika dan id-dritt għall-finijiet li tistabbilixxi s-soluzzjoni fuq il-mertu li għandha tiġi rriżervata għall-imsemmija tilwima.

55. L-allegazzjonijiet tal-Gvern Ungeriż ma humiex ta' natura li jinvalidaw din il-konstatazzjoni u l-ammissibbiltà tad-domanda preliminari li tirriżulta minnha. B'hekk ma humiex rilevanti l-kunsiderazzjonijiet relatati mal-allegata sempliċità tal-evalwazzjoni fattwali u legali tal-kawża prinċipali u mal-assenza ta' neċessità ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-atti tal-proċess tal-proċedura segwita kontra IS ma jiżvelaw ebda element ta' natura li jqajjem dubju dwar kwalità suffiċjenti tal-interpretazzjoni. F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jitfakkar li l-qrati nazzjonali għandhom il-possibbiltà l-iktar wiesgħa li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk huma jikkunsidraw li kawża li hija pendenti quddiemhom tqajjem kwistjonijiet li jeħtieġu interpretazzjoni jew evalwazzjoni dwar il-validità tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu deċiżjoni min-naħa tagħhom [29]. Fi kliem ieħor, anki kieku kellu jitqies li r-risposta għall-ewwel domanda ma tħalli lok għal ebda dubju, tali fatt ma jistax jipprekludi lil qorti nazzjonali milli tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja u ma għandux l-effett li jrendi d-domanda magħmula b'dan il-mod inammissibbli.

2. Fuq il-portata u l-formulazzjoni mill-ġdid tad-domanda preliminari

56. Għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqta' l-kawża li jkollha quddiemha. Minn din il-perspettiva, jekk ikun il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu sarulha. Fil-fatt, il-funzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija dik li tinterpreta d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni li l-qrati nazzjonali jeħtieġu sabiex jiddeċiedu t-tilwim li jkollhom

[28] Ara s-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 97 u 98).

[29] Sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, A (C-112/13, EU:C:2014:2195, punt 35).

quddiemhom, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux espressament imsemmija fid-domandi li jsirulha minn dawn il-qrati. Konsegwentement, anki jekk, formalment, il-qorti tar-rinviju llimitat id-domandi tagħha għall-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, tali ċirkustanza ma tipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdilha l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli sabiex tiġi deċiża l-kawża li għandha quddiemha, sew jekk din il-qorti tkun għamlet riferiment għalihom fid-domandi tagħha kif ukoll jekk ma tkunx għamlet dan. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet, mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti tar-rinviju, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti tal-imsemmi dritt li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali [30].

57. Fir-rigward tal-formulazzjoni taż-żewġ partijiet tad-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2010/64 (l-ewwel parti) kif ukoll tal-Artikolu 4(5) u tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2012/13, filwaqt li ssemmi wkoll l-Artikolu 6(1) TUE (it-tieni parti).

58. Fid-dawl tal-fatti li taw lok għall-proċedura fil-kawża prinċipali u bl-għan li tingħata risposta utli u kemm jista' jkun kompleta għad-domanda preliminari, l-eżami tad-domanda magħmula ma jistax ikun limitat biss għall-aspetti msemmija b'mod espliċitu mill-qorti tar-rinviju. Il-portata għandha tiġi estiża billi jittieħdu inkunsiderazzjoni diversi dispożizzjonijiet oħra tad-Direttivi 2010/64 u 2012/13 l-istess bħad-Direttiva 2016/343 u l-Artikolu 47 tal-Karta. Għaldaqstant, huwa propost li ż-żewġ partijiet tad-domanda jiġu fformulati mill-ġdid kif ġej:

– l-Artikoli 2, 3 u 5 tad-Direttiva 2010/64 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jobbligaw lill-Istati Membri jiżguraw lill-persuni ssuspettati jew akkużati, li ma jitkellmux jew ma jifhmux il-lingwa tal-proċedura kriminali, dritt għall-interpretazzjoni ta' kwalità suffiċjenti sabiex tiġi ggarantita n-natura ekwa tal-proċedura billi jiġi stabbilit reġistru ta' tradutturi u interpreti indipendenti li għandhom il-kwalifiki meħtieġa u/jew stħarriġ ġudizzjarju tal-imsemmija kwalità?

– id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tad-Direttivi 2010/64, 2012/13 u 2016/343, kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-possibbiltà ta' sentenza fil-kontumaċja dwar il-persuna akkużata, li ma titkellimx jew ma tifhimx il-lingwa tal-proċedura kriminali, fejn ma jistax jiġi stabbilit li hija ġiet informata, matul l-investigazzjoni, bis-suspetti jew l-akkużi fil-konfront tagħha minħabba assenza ta' interpretazzjoni adegwata?

3. Fuq il-mertu

59. Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kriminali kienet adottat gradwalment strumenti legali li l-applikazzjoni kkoordinata tagħhom hija intiża sabiex issaħħaħ il-fiduċja tal-Istati Membri fir-rigward

[30] Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, Moro (C-646/17, EU:C:2019:489, punti 39 u 40).

tal-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali rispettivi tagħhom bl-għan li jiġi żgurat ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni fl-Unjoni ta' sentenzi f'materji kriminali sabiex tiġi evitata kwalunkwe impunità tal-awturi tal-ksur [31].

60. Id-Direttivi 2010/64, 2012/13 u 2016/343 jagħmlu parti minn dan il-grupp ta' strumenti legali li jikkonkretizzaw il-pjan direzzjonali, adottat mill-Kunsill fl-2009, intiż sabiex isaħħaħ id-drittijiet tal-persuni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, li ġie rrikonoxxut mill-Kunsill Ewropew u ddikjarat bħala parti integrali mill-Programm ta' Stokkolma [32]. Dawn ir-regoli kollha tad-dritt sekondarju għandhom l-għan li jsaħħu d-drittijiet proċedurali ta' persuni ssuspettati jew akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali sabiex jiġi ggarantit id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u jistrieħu għal dan l-għan, konformement mal-premessi rispettivi tagħhom, fuq id-drittijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 6, 47 u 48 tal-Karta. Barra minn hekk, il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tal-imsemmija direttivi huma ddefiniti fi kliem kważi identiċi biex iħaddnu l-proċedura kriminali fil-portata kollha tagħha, mill-mument li fih persuni jiġu informati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li huma ssuspettati jew akkużati li wettqu reat kriminali, u dan sat-tmiem tal-proċedura bl-adozzjoni tad-deċiżjoni intiża sabiex jiġi ddeterminat b'mod definittiv jekk dawn il-persuni wettqux l-imsemmi reat [33]. Approċċ u fehim tal-grupp ta' Direttivi 2010/64, 2012/13 u 2016/343 huma, fil-fehma tiegħi, neċessarji sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula.

a) Fuq l-ewwel parti tad-domanda

61. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar id-dritt għall-interpretazzjoni ta' kwalità suffiċjenti prevista mid-Direttiva 2010/64, fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-istħarriġ tiegħu.

62. Skont il-premessa 17 tad-Direttiva 2010/64, ir-regoli minimi komuni li jinsabu fiha għandhom jiżguraw li jkun hemm assistenza lingwistika bla ħlas u "adegwata", li tagħmilha possibbli għall-persuni ssuspettati jew akkużati, li ma jitkellmux jew ma jifhmux il-lingwa tal-proċedura kriminali, li jeżerċitaw b'mod sħiħ id-drittijiet tad-difiża tagħhom u sabiex tiġi żgurata n-natura ekwa tal-proċedura. L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/64 jipprevedi d-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fil-kuntest, b'mod partikolari, tal-proċeduri kriminali. Id-dritt għall-interpretazzjoni previst fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/64 għandu bħala skop it-traduzzjoni minn interpretu tal-komunikazzjonijiet orali bejn il-persuni ssuspettati jew akkużati u s-servizzi investigattivi, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew, jekk ikun il-każ, il-konsulent legali. Fi kliem ieħor, sabiex tiġi żgurata n-natura ekwa tal-proċedura u sabiex il-persuna kkonċernata tkun f'pożizzjoni li teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha, din id-dispożizzjoni tiżgura li din il-persuna, meta tintalab tagħmel, hija stess, dikjarazzjonijiet orali b'mod partikolari fil-kuntest ta' proċedura kriminali, kemm jekk direttament quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew quddiem il-konsulent legali tiegħu, tkun tista' tagħmel dan bil-lingwa li hija tifhem. L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2010/64 jirregola d-dritt għat-traduzzjoni ta' ċerti

[31] Ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, Parquet général du Grand-Duché de Luxembourg u Openbaar Ministerie (Prosekuturi ta' Lyon u ta' Tours) (C-566/19 PPU u C-626/19 PPU, EU:C:2019:1077, punt 43).

[32] Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar pjan direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU 2009, C 295, p. 1) u Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, punt 2.4 (ĠU 2010, C 115, p. 1).

[33] Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li IS huwa akkużat, fil-kawża prinċipali, fil-kuntest ta' proċedura kriminali li bdiet bil-fażi ta' investigazzjoni li matulha nstema' mis-servizzi tal-pulizija matul id-detenzjoni tiegħu bl-għajnuna ta' interpretu, peress li ma għandux ħakma tajba tal-lingwa tal-imsemmija proċedura, u li deċiżjoni finali intiża sabiex tiġi ddeterminata l-ħtija għar-reat kriminali kkonċernat għadha ma ġiex adottata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkunsidrat li d-Direttivi 2010/64, 2012/13 u 2016/343 japplikaw għall-persuna kkonċernata u għal din il-proċedura nazzjonali.

dokumenti essenzjali mfassla fil-lingwa tal-kawża mill-awtoritajiet kompetenti, jiġifieri u b'mod mhux eżawrjenti, kull deċiżjoni li ċċaħħad il-libertà, kull imputazzjoni jew kull att ta' akkuża, u kull sentenza [34].

63. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2010/64, moqri flimkien mal-Artikolu 2(8) u l-Artikolu 3(9) ta' din id-direttiva, jipprevedi l-obbligu għall-Istati Membri li jieħdu miżuri sabiex jiżguraw kwalità suffiċjenti tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni li tiggarantixxi n-natura ekwa tal-proċedura, li jfisser li din l-interpretazzjoni jew it-traduzzjoni għandha, mill-inqas, tippermetti lill-persuni ssuspettati jew akkużati jkollhom għarfien tal-fatti li huma akkużati bihom u jitqiegħdu f'pożizzjoni li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

64. Għalkemm id-Direttiva 2010/64 timponi fuq l-Istati Membri, bi kliem ċar, obbligu ta' riżultat preċiż fir-rigward tal-kwalità tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni, din tħalli manifestament marġni ta' diskrezzjoni lil dawn tal-aħħar fir-rigward tal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tiegħu. B'hekk, għall-kuntrarju tal-evalwazzjoni li tinsab fid-deċiżjoni tar-rinviju, sempliċi interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2010/64, bl-użu tal-verb "jagħmlu ħilithom", jiżvela li l-istabbiliment ta' reġistru ta' tradutturi u ta' interpreti indipendenti li għandhom il-kwalifiki meħtieġa ma għandu ebda natura vinkolanti. Għalhekk, l-eżistenza jew l-assenza ta' tali reġistru, bħalma huwa l-każ fl-Ungerija skont id-dikjarazzjonijiet tal-Gvern ta' dan l-Istat, fiha nnifisha, ma tiddeterminax l-osservanza jew in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu impost fuq l-Istati Membri msemmi fil-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet.

65. Jibqa' l-fatt li sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-dritt għal assistenza lingwistika xierqa, id-Direttiva 2010/64 timponi lill-Istati Membri jipprevedu, fil-kuntest tal-proċeduri previsti mid-dritt nazzjonali, stħarriġ tal-kwalità tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni. Minbarra d-dritt li jikkontestaw id-deċiżjoni li tikkonkludi li hemm assenza ta' neċessità ta' interpretazzjoni jew li ma huwiex utli li jiġu tradotti dokumenti, l-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 3(5) ta' din id-direttiva jipprovdu li, peress li dawn is-servizzi ġew offruti, il-persuni ssuspettati jew akkużati għandu jkollhom il-possibbiltà li jilmentaw li l-kwalità tal-interpretazzjoni jew tat-traduzzjoni ma hijiex suffiċjenti biex tiggarantixxi n-natura ekwa tal-proċedura. Ulterjorment, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2010/64 ma tirregolax il-modalitajiet, minbarra l-inizjattiva tal-istħarriġ, li permezz tagħhom tista' tiġi implimentata din il-kontestazzjoni. Mill-artikoli msemmija iktar 'il fuq, moqrija flimkien mal-premessi 24 u 25 tad-Direttiva 2010/64, jirriżulta li dan id-dritt ta' kontestazzjoni ma jobbligax lill-Istati Membri jipprevedu proċedura ta' lment jew mekkaniżmu separat.

66. Fid-dawl tal-premessi preċedenti, huwa propost li r-risposta għall-ewwel parti tal-ewwel domanda tkun li l-Artikoli 2, 3 u 5 tad-Direttiva 2010/64 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jimponu lill-Istati Membri jiżguraw lill-persuni ssuspettati jew akkużati, li ma jitkellmux jew ma jifhmux il-lingwa tal-proċedura kriminali, il-possibbiltà li jilmentaw minn kwalità ta' interpretazzjoni li ma tkunx suffiċjenti, li ma tkunx ta' natura li tippermettilhom ikollhom għarfien tal-fatti li ġew akkużati bihom u jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2010/64 ma jobbligax lill-Istati Membri jistabbilixxu reġistru ta' tradutturi u interpreti indipendenti li għandhom il-kwalifiki meħtieġa.

[34] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Covaci (C-216/14, EU:C:2015:686, punti 33, 40, 44 u 45).

b) Fuq it-tieni parti tad-domanda

67. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-konsegwenzi ta' ksur tad-dritt għal informazzjoni tal-persuna akkużata, fejn ma jkunx jista' jiġi stabbilit li hija kellha għarfien tas-suspetti jew tal-akkużi fil-konfront tagħha minħabba assenza ta' interpretazzjoni adegwata, għall-iżvolġiment tal-proċedura kriminali fil-kontumaċja li għaliha din il-persuna hija suġġetta. Din id-domanda taqa', fil-fehma tiegħi, taħt l-evalwazzjoni tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tan-natura ekwa tal-proċedura, li hija neċessarjament marbuta mad-drittijiet previsti b'mod espliċitu mid-Direttiva 2012/13 imsemmija fil-formulazzjoni tad-domanda, u tikkonċerna wkoll id-Direttiva 2016/343.

68. Għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13 ġewx osservati fil-kawża prinċipali u liema miżuri speċifiċi għandhom, jekk ikun il-każ, jiġu adottati għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha madankollu tindikalha l-elementi oġġettivi li għandhom jiggwidaw tali evalwazzjoni [35].

69. Mill-premessi 10 u 14 tad-Direttiva 2012/13 jirriżulta li din id-direttiva hija intiża, bl-adozzjoni ta' regoli minimi komuni li jiddefinixxu d-dritt għal informazzjoni fil-proċeduri kriminali, li ssaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fis-sistemi ta' ġustizzja kriminali rispettivi tagħhom. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2012/13 jipprevedi b'mod ċar li din tiddefinixxi regoli dwar id-dritt tal-persuni ssuspettati jew akkużati li jiġu informati bid-drittijiet tagħhom fil-kuntest tal-proċeduri kriminali u tal-akkuża magħmula kontrihom [36]. Qari flimkien tal-Artikoli 3 u 6 tad-Direttiva 2012/13, jikkonferma li d-dritt imsemmi fl-Artikolu 1 tagħha jikkonċerna, mill-inqas, żewġ drittijiet distinti [37].

70. Minn naħa, il-persuni ssuspettati jew akkużati għandhom, konformement mal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, jiġu informati, mill-inqas, b'ċerti drittijiet proċedurali, li tagħhom din id-dispożizzjoni telenka lista li tinkludi d-dritt għall-assistenza ta' avukat, id-dritt għall-benefiċċju minn konsulent legali mingħajr ħlas u l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' tali konsulenti, id-dritt li l-persuna tiġi informata bl-akkuża miġjuba kontriha, id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni kif ukoll id-dritt li jinżamm is-silenzju [38]. Meta l-persuni ssuspettati jew akkużati jiġu arrestati jew detenuti, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2012/13 jimponi fuq l-Istati Membri obbligu li jipprovdulhom dikjarazzjoni bil-miktub li ssemmi, b'mod partikolari, id-drittijiet proċedurali msemmija iktar 'il fuq. L-Artikolu 4(5) ta' din id-direttiva jipprevedi li din id-dikjarazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-persuni kkonċernati f'lingwa li jifhmu u jekk din ma tkunx disponibbli, huma għandhom jiġu informati bid-drittijiet tagħhom bil-fomm u b'lingwa li jifhmu.

[35] Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392, punt 81).

[36] Id-Direttiva 2012/13, li hija intiża biex tirregola d-dritt għal informazzjoni tal-persuni ssuspettati u akkużati fil-proċeduri kriminali, hija marbuta b'mod strett mad-Direttiva 2010/64 li tagħti lil dawn l-istess individwi, li ma jitkellmux jew ma jifhmux il-lingwa tal-proċedura kriminali kkonċernata, dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni tal-informazzjoni kkomunikata. Kif issemmi b'mod espliċitu l-premessa 25 tad-Direttiva 2012/13, meta tiġi pprovduta informazzjoni lill-persuni ssuspettati jew akkużati skont din id-direttiva, il-persuni kkonċernati għandhom jiġu pprovduti, jekk ikun il-każ, bi traduzzjoni jew interpretazzjoni f'lingwa li huma jifhmu konformement mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2010/64.

[37] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, Moro (C-646/17, EU:C:2019:489, punti 34, 42 u 43).

[38] Fil-punt 53 tas-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom (C-467/18, EU:C:2019:765), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-persuni ssuspettati li wettqu reat għandhom jiġu informati bid-drittijiet tagħhom kemm jista' jkun malajr mill-mument meta s-suspetti li għalihom ikunu suġġetti jiġġustifikaw, f'kuntest li ma huwiex dak tal-urġenza, li l-awtoritajiet kompetenti jirrestriġu l-libertà tagħhom permezz ta' miżuri koerċittivi u, l-iktar tard, qabel l-ewwel interrogatorju uffiċjali tagħhom mill-pulizija.

71. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija direttiva tiddefinixxi, fl-Artikolu 6 tagħha, regoli relatati mad-dritt għal informazzjoni dwar l-akkuża miġjuba kontra l-persuna kkonċernata. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2012/13 jikkonċerna r-regola li tgħid li l-persuni ssuspettati jew akkużati għandhom jingħataw informazzjoni, fil-pront u bid-dettall meħtieġ sabiex tiġi ggarantita n-natura ekwa tal-proċedura u tippermetti l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża, dwar l-att kriminali li huma ssuspettati jew akkużati li wettqu. Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu huwa intiż b'mod speċifiku għall-persuni ssuspettati u dawk akkużati li jiġu arrestati jew detenuti, li għandhom jiġu informati bir-raġunijiet għall-arrest jew id-detenzjoni tagħhom, inkluż bl-att li jista' jiġi ssanzjonat b'mod kriminali li huma jkunu ssuspettati jew akkużati li wettqu. Barra minn hekk u fuq kollox, skont il-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu, sa mhux iktar tard mill-mument meta l-qorti tintalab tagħti deċiżjoni fuq il-mertu tal-akkuża, għandha tingħata informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża, inklużi n-natura u l-klassifikazzjoni ġuridika tar-reat, kif ukoll in-natura tal-parteċipazzjoni tal-persuna akkużata.

72. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-dritt għal informazzjoni previst, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 jistabbilixxi li l-persuni ssuspettati jew akkużati jew l-avukat tagħhom għandu jkollhom id-dritt ta' kontestazzjoni, konformement mal-proċeduri nazzjonali, rigward in-nuqqas jew iċ-ċaħda possibbli tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni konformement ma' din id-direttiva.

73. F'dan l-istadju, nirrileva li, filwaqt li fil-formulazzjoni tat-tieni parti tad-domanda ssemmi l-Artikolu 4(5) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2012/13, il-qorti tar-rinviju ssemmi sitwazzjoni li fiha ma jistax jiġi stabbilit li l-persuna akkużata, interrogata matul il-fażi ta' investigazzjoni fil-preżenza ta' interpretu bil-lingwa Svediża, ġiet informata bil-fomm bis-suspetti jew l-akkużi fil-konfront tagħha permezz ta' interpretazzjoni inadegwata. Dawn iċ-ċirkustanzi li jikkaratterizzaw il-kawża prinċipali jidhruli li jagħmlu l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/13 id-dispożizzjoni rilevanti għall-finijiet tar-risposta li għandha tingħata lill-qorti tar-rinviju.

74. Allura x'jiġri fis-sitwazzjoni ta' akkużat li, wara li jiġi nnotifikat bil-fatti li ġie akkużat bihom matul il-fażi ta' investigazzjoni minn interpretu, b'mod meqjus bħala mhux adegwat, ikun is-suġġett ta' proċedura ta' sentenza fl-assenza tiegħu?

75. Kif jirriżulta mill-Artikolu 1 u mill-premessa 9 tad-Direttiva 2016/343, l-għan tagħha huwa li tistabbilixxi regoli minimi komuni applikabbli għall-proċeduri kriminali dwar ċerti aspetti tal-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt li wieħed ikun preżenti għas-smigħ tiegħu. L-Artikolu 8(1) tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ssuspettati u akkużati jkollhom id-dritt li jkunu preżenti waqt is-smigħ tagħhom. Il-premessa 35 tal-istess direttiva tippreċiża li d-dritt tal-persuna ssuspettata jew akkużata li tkun preżenti waqt is-smigħ tagħha ma huwiex ta' natura assoluta u li, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-persuna ssuspettata jew akkużata għandha tkun tista' tirrinunzja għalih espressament jew taċitament, iżda inekwivokabbilment. Għalhekk, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2016/343 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li smigħ li jista' jagħti lok għal deċiżjoni dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna ssuspettata jew akkużata jista' jseħħ fl-assenza tagħha, sa fejn, skont il-punt (a) ta' din id-dispożizzjoni, il-persuna ssuspettata jew akkużata tkun ġiet informata, fi żmien xieraq, biż-żamma tas-smigħ u bil-konsegwenzi ta' nuqqas ta' dehra fis-smigħ tagħha jew li, skont il-punt (b) ta' din id-dispożizzjoni, il-persuna ssuspettata jew akkużata, li tkun ġiet informata biż-żamma tas-smigħ, tkun irrappreżentata minn avukat b'mandat, li jkun inħatar mill-persuna ssuspettata jew akkużata, jew mill-Istat [39].

[39] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Frar 2020, Spetsializirana prokuratura (Seduta fl-assenza tal-persuna akkużata) (C-688/18, EU:C:2020:94, punti 29, 32 u 33).

76. Mill-Artikolu 8(2)(b) tad-Direttiva 2016/343 jirriżulta li għalhekk huwa possibbli li tingħata deċiżjoni dwar l-akkużat fl-assenza tiegħu peress li huwa kien ġie informat minn qabel biż-żamma tas-smigħ tiegħu u peress li huwa rrappreżentat minn avukat tal-għażla tiegħu jew maħtur mill-Istat. F'dan ir-rigward, skont il-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja, IS, li t-taħrika tiegħu waslet lura bl-indikazzjoni "mhux miġbura", ma deherx għas-seduta preliminari tas-27 ta' Novembru 2018 u, fil-preżenza ta' rekwiżitorja tal-prosekutur pubbliku dwar sempliċi piena ta' multa, il-qorti tar-rinviju hija marbuta, skont id-dritt nazzjonali, tkompli l-proċedura fil-kontumaċja u għalhekk tiddeċiedi dwar il-ħtija tal-akkużat, assenti iżda rrappreżentat minn avukat maħtur mill-Istat.

77. Malli l-kundizzjonijiet ta' sentenza fil-kontumaċja jiġu ssodisfatti, liema fatt għandu jiġi vverifikat mil-qorti tar-rinviju[40], ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2016/343 ma tostakola l-possibbiltà għall-avukat, imsemmi b'mod espliċitu fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 iċċitat iktar 'il fuq, milli jikkontesta quddiem il-qorti kompetenti l-mod li bih id-dritt għal informazzjoni u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 6 ta' din id-direttiva ġie applikat matul il-proċedura[41]. Kontestazzjoni tar-regolarità ta' att u, jekk ikun il-każ, tal-proċedura kollha kemm hi, tista' għalhekk issir mill-avukat tal-akkużat quddiem il-qorti kompetenti msejħa sabiex tiddeċiedi mingħajr il-preżenza tal-parti kkonċernata.

78. Din il-kontestazzjoni jista' jkollha bħala l-bażi tagħha assenza ta' kwalità adegwata tal-interpretazzjoni tal-akkuża fil-konfront ta' persuna ssuspettata jew akkużata, kif meħtieġ fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2010/64. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li interpretazzjoni ta' kwalità suffiċjenti tinftiehem preċiżament bħala dik li għandha tippermetti lil dawn l-individwi jkollhom għarfien tal-fatti li ġew akkużati bihom u jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom u dan konformement mal-Artikolu 2(8) ta' din id-direttiva.

79. B'kunsiderazzjoni ta' dan, jidhirli li l-kawża prinċipali tqajjem ukoll il-kwistjoni tal-portata tad-dritt għall-akkużat li jiġi informat bl-akkuża fil-konfront tiegħu fil-kuntest ta' proċedura li tipprevedi deċiżjoni possibbli fuq il-mertu fl-assenza tiegħu. B'mod iktar preċiż, huwa possibbli li jiġi rrimedjat ksur tad-dritt għal informazzjoni tal-akkuża matul il-fażi ta' investigazzjoni fl-okkażjoni tal-fażi ta' sentenza fil-kontumaċja tal-akkużat? L-eżami tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jidhirli li għandu jwassal għal risposta fl-affermattiv.

80. Kif jindikaw essenzjalment il-premessi 14 u 41 tad-Direttiva 2012/13, din hija bbażata fuq id-drittijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikolu 47 tal-Karta u hija intiża li tippromwovi dawn id-drittijiet. B'mod iktar partikolari, l-Artikolu 6 ta' din id-direttiva għandu l-għan li jiżgura l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża kif ukoll l-ekwità tal-proċedura u għalhekk jistabbilixxi espressament aspett tad-dritt għal rimedju effettiv, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta[42]. Il-fatt li

[40] F'dan ir-rigward infakkar li peress li d-dritt li persuna tiġi assistita waqt is-smigħ tagħha ma huwiex ta' natura assoluta, il-premessa 35 tad-Direttiva 2016/343 tindika li, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-persuna akkużata għandha tkun tista' tirrinunzja dan id-dritt b'mod espliċitu jew taċitu, iżda b'mod inekwivokabbli. Il-premessa 38 ta' din id-direttiva żżid li meta jkun meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk il-mod kif hija pprovduta l-informazzjoni huwa suffiċjenti sabiex il-parti kkonċernata jkollha għarfien dwar is-smigħ, għandha tingħata attenzjoni partikolari għad-diliġenza li tkun uriet il-persuna kkonċernata biex tirċievi l-informazzjoni indirizzata lilha.

[41] Konformement mal-premessa 36 tad-Direttiva 2012/13, dan id-dritt ma jobbligax lill-Istati Membri jipprevedu proċedura ta' appell speċifika, mekkaniżmu separat jew proċedura ta' lment li tippermetti din il-kontestazzjoni.

[42] Ara s-sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Staatsanwaltschaft Offenburg (C-615/18, EU:C:2020:376, punti 70 u 71). Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet, fil-punti 72 u 73 ta' din is-sentenza, li bħall-Artikolu 47 tal-Karta, li huwa suffiċjenti fih innifsu u ma għandux għalfejn jiġi ppreċiżat mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali sabiex l-individwi jingħataw dritt invokabbli bħala tali, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/13 għandu jitqies li għandu effett dirett u li hija l-qorti tar-rinviju, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, li għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex tiggarantixxi l-effett sħiħ ta' dan l-Artikolu 6.

d-Direttiva 2012/13 ma tirregolax il-mod kif l-informazzjoni dwar l-akkuża, prevista fl-Artikolu 6 tagħha, għandha tiġi kkomunikata lill-persuna akkużata ma jistax jippreġudika l-għan li din id-dispożizzjoni għandha l-intenzjoni li tilħaq [43].

81. Issa, dan l-għan jirrikjedi li l-persuna akkużata tirċievi informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża fi żmien xieraq, f'mument li jippermettilha tipprepara d-difiża tagħha b'mod effikaċi. L-imsemmi għan kif ukoll l-iżvolġiment tajjeb tal-proċedura jeħtieġu, bħala prinċipju u bla ħsara, jekk ikun il-każ, għal proċeduri speċjali jew issemplifikati, li l-imsemmija komunikazzjoni sseħħ *sa mhux iktar tard* mill-mument li fih effettivament tibda t-trattazzjoni dwar il-fondatezza tal-akkuża quddiem il-qorti li tkun kompetenti biex tiddeċiedi dwar din il-fondatezza [44].

82. Minbarra d-determinazzjoni tal-mument aħħari li fih għandha ssir il-komunikazzjoni ta' informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li huwa permezz ta' din l-istess komunikazzjoni li l-persuna akkużata, *jew l-avukat tagħha*, ikunu informati b'mod preċiż dwar il-fatti kkunsidrati kontra din il-persuna u dwar il-klassifikazzjoni ġuridika tagħhom. Il-possibbiltà li jinkiseb għarfien ta' din l-informazzjoni u ta' dawn l-elementi sa mhux iktar tard mill-bidu tat-trattazzjoni hija essenzjali sabiex din il-persuna, jew l-avukat tagħha, tkun tista' tipparteċipa b'mod utli f'din it-trattazzjoni b'osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, b'tali mod li jsostnu l-pożizzjoni tagħhom b'mod effettiv [45]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ulterjorment li, fi kwalunkwe ipoteżi, ikun xi jkun il-mument meta l-informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża tiġi pprovduta, il-persuna akkużata u l-avukat tagħha għandhom b'mod partikolari, fl-osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, jingħataw terminu suffiċjenti sabiex jieħdu konjizzjoni ta' din l-informazzjoni u jkunu f'pożizzjoni li jippreparaw id-difiża b'mod effikaċi, iressqu eventwali osservazzjonijiet u, jekk ikun il-każ, jifformulaw kwalunkwe talba, b'mod partikolari ta' istruttorja, li jkollhom dritt iressqu skont id-dritt nazzjonali. Dan ir-rekwiżit jimponi li, jekk ikun meħtieġ, il-kawża tiġi sospiża u li jiġi ordnat ir-rinviju tagħha għal data ulterjuri [46].

83. Sa fejn, bħal fil-kawża prinċipali, l-akkużat li ma deherx għas-seduta tal-għoti tas-sentenza huwa rrappreżentat minn avukat, li rċieva informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża fi żmien xieraq sabiex jipprepara d-difiża, dan tal-aħħar għalhekk għandu l-possibbiltà li jipparteċipa b'mod effettiv fit-trattazzjoni billi jikkontesta, jekk ikun il-każ, ir-regolarità ta' att u tal-proċedura kollha kemm hi kif ukoll il-fondatezza tal-akkuża.

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, huwa propost li r-risposta għat-tieni parti tal-ewwel domanda tkun li d-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tad-Direttivi 2010/64, 2012/13 u 2016/343 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dawn ma jipprekludux il-possibbiltà ta' sentenza fil-kontumaċja dwar l-akkużat, li ma jitkellimx jew ma jifhimx il-lingwa tal-proċedura kriminali u fejn ma jistax jiġi stabbilit li huwa ġie informat, matul l-investigazzjoni, bis-suspetti jew l-akkużi fil-konfront tiegħu minħabba interpretazzjoni inadegwata, sa fejn l-avukat li jirrappreżenta lill-imsemmi akkużat ikollu l-possibbiltà li jikkontesta r-regolarità ta' att u, jekk ikun il-każ, il-proċedura kollha kemm hi minħabba l-ksur ta' dan id-dritt għall-informazzjoni. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/13, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża tiġi kkomunikata lid-difiża tal-akkużat li dwaru tingħata deċiżjoni

[43] Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, Moro (C-646/17, EU:C:2019:489, punt 51).

[44] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392, punti 90 u 92).

[45] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392, punt 93).

[46] Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019, Moro (C-646/17, EU:C:2019:489, punt 53).

fl-assenza tiegħu qabel ma l-qorti tibda teżamina l-mertu tal-akkuża u qabel tibda t-trattazzjoni quddiemha, bla ħsara għall-fatt li l-miżuri kollha neċessarji jkunu ttieħdu mill-qorti sabiex jiġi ggarantit ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedura.

C. Fuq it-tieni u t-tielet domanda

85. B'differenza mill-ewwel domanda preliminari, l-oġġezzjonijiet ifformulati mill-Gvern Ungeriż fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-tieni u t-tielet domanda, imsemmija fi kliem kważi identiku mill-Kummissjoni, ma jidhirlix li għandhom iwasslu għal talba ta' inammissibbiltà tagħhom. Fil-fatt, fid-dawl tat-tagħlim li jinsilet mis-sentenza Miasto Łowicz, l-inammissibbiltà tal-imsemmija domandi issa, fil-fehma tiegħi, ma tħallix iktar lok għal dubju. It-tieni u t-tielet domanda jikkostitwixxu eżempju topiku tal-mistoqsijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja xtaqet teskludi mill-proċedura għal deċiżjoni preliminari bħala kuntrarji għall-ispirtu u għall-iskop ta' dan ir-rimedju ġuridiku, jiġifieri l-kokostruzzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-qorti nazzjonali fl-osservanza tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, ta' soluzzjoni għat-tilwima konkreta mressqa quddiem din tal-aħħar.

86. Permezz tat-tieni u t-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 19 TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu:

– sistema nazzjonali ta' ħatra tal-kapijiet tal-qorti, inkarigati mit-tqassim tal-kawżi, mill-evalwazzjoni tal-imħallfin u mit-tnedija ta' proċeduri dixxiplinari, li jagħtu lill-President tal-OBĦ, awtorità maħtura mir-rappreżentanza Parlamentari, setgħa ta' ħatra diretta b'mod temporanju, li tevita l-proċedura ta' sejħa għal kandidaturi u li tinjora l-opinjoni tal-korpi ġudizzjarji kompetenti

– sistema nazzjonali ta' remunerazzjoni li tipprevedi trattament tal-imħallfin li huwa inferjuri għal dak tal-prosekuturi u l-għoti diskrezzjonali mill-President tal-OBĦ u l-kapijiet tal-qorti ta' allowances differenti għoljin ħafna meta mqabbla mar-remunerazzjonijiet bażiċi tal-imħallfin u li jistgħu għalhekk potenzjalment jikkostitwixxu influwenza indebita u jimplikaw ksur tal-indipendenza ġudizzjarja.

87. Fl-ipoteżi ta' risposta fl-affermattiv mill-Qorti tal-Ġustizzja għal dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar ir-rispett, fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja, tad-dritt għal smigħ xieraq.

88. Għandu jitfakkar li l-ġustifikazzjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari previst fl-Artikolu 267 TFUE ma hijiex il-formulazzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi dwar domandi ġenerali jew ipotetiċi, iżda l-ħtieġa inerenti għas-soluzzjoni effettiva ta' tilwima, fejn il-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari, hija li tassisti lill-qorti tar-rinviju fis-soluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiemha. Id-deċiżjoni preliminari għandha tkun neċessarja sabiex tippermetti lil qorti tar-rinviju ssolvi l-kawża li tkun adita biha u huwa f'din il-kundizzjoni li d-domandi preliminari inkwistjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala rilevanti u li jagħtu lok għal rinviju għal deċiżjoni preliminari [47].

[47] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Lulju 2014, Da Silva (C-189/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2043, punt 36) u Miasto Łowicz (punti 44 u 45).

89. Issa, il-kawża prinċipali hija kkostitwita minn proċedura ta' sentenza fil-kontumaċja ta' ċittadin Svediż, li matul l-investigazzjoni ġie nnotifikat bil-fatti li ġie akkużat bihom minn interpretu, akkużat bi ksur tal-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar l-armi u l-munizzjon. Peress li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tar-regoli nazzjonali dwar il-proċeduri kriminali, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata tad-dritt għall-interpretazzjoni u għall-informazzjoni tal-akkuża fil-konfront tal-akkużat fil-kuntest speċifiku ta' akkużat li ma jkunx preżenti iżda rrappreżentat minn avukat – sitwazzjoni li timplika l-interpretazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2010/64, 2012/13 u 2016/343.

90. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposti mistennija mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ l-Artikolu 19 TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-ħatra diretta mill-President tal-OBH ta' kapijiet tal-qorti b'mod temporanju [48] u r-remunerazzjoni tal-imħallfin, ma jissodisfawx il-kriterju ta' neċessità msemmi iktar 'il fuq [49]. Fi kliem ieħor, it-tilwima fil-kawża prinċipali b'ebda mod ma tikkonċerna s-sistema ġudizzjarja Ungeriża kkunsidrata fil-globalità tagħha li ċerti aspetti tagħha huma ta' natura li jippreġudikaw l-indipendenza tal-ġustizzja u, b'mod iktar partikolari, tal-qorti tar-rinviju fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni min-naħa tagħha.

91. Il-fatt li tista' teżisti rabta materjali bejn it-tilwima fil-kawża prinċipali u l-Artikolu 47 tal-Karta, saħansitra b'mod usa' mal-Artikolu 19 TUE, ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi ssodisfatt il-kriterju ta' neċessità. Għall-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, kif mitluba fil-kuntest tat-tieni u t-tielet domanda, ikun meħtieġ li din tissodisfa bżonn oġġettiv għad-deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju għandha tieħu, u dan ma huwiex il-każ hawnhekk. Ma jidhirx il-mod kif il-qorti tar-rinviju tista' titwassal sabiex tadotta, b'applikazzjoni tat-tagħlim li jinsilet minn interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet b'kunsiderazzjoni tal-portata ta' dawn id-domandi, deċiżjoni li tkun meħtieġa għall-finijiet ta' deċiżjoni dwar it-tilwima fil-kawża prinċipali [50].

92. Barra minn hekk, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li domandi preliminari li jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet proċedurali tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti tar-rinviju kkonċernata għandha tapplika sabiex tagħti s-sentenza tagħha huma ammissibbli, din ma hijiex il-portata tat-tieni u t-tielet domanda magħmula fil-kuntest ta' din il-kawża. Bl-istess mod, risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għal dawn id-domandi lanqas ma tidher li hija ta' natura li tagħti lill-qorti tar-rinviju interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tippermettilha tiddeċiedi kwistjonijiet proċedurali tad-dritt nazzjonali qabel ma tkun tista' tiddeċiedi fuq il-mertu tat-tilwima mressqa quddiemha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għalhekk, l-imsemmija domandi ma jirrigwardawx interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tissodisfa bżonn oġġettiv għas-soluzzjoni tal-imsemmija tilwima, iżda huma ta' natura ġenerali u huma, għaldaqstant, inammissibbli [51].

[48] Ninnota li d-dubji tal-imħallef tal-qorti tar-rinviju fir-rigward tar-regolarità tal-ħatriet ġudizzjarji jikkonċernaw b'mod speċifiku l-ħatra tal-pożizzjoni ta' President tal-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), mingħajr ma huwa allegat li dan tal-aħħar jista' jitwassal biex jipparteċipa fil-proċedura kriminali quddiem l-imsemmi mħallef assenjat fil-Pesti Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest, l-Ungerija).

[49] Ara, b'analoġija, id-digriet tas-6 ta' Ottubru 2020, Prokuratura Rejonowa w Słubicach (C-623/18, mhux ippubblikat, EU:C:2020:800).

[50] Ara f'dan is-sens, is-sentenza Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (punti 48 u 52) u d-digriet tas-6 ta' Ottubru 2020, Prokuratura Rejonowa w Słubicach (C-623/18, mhux ippubblikat, EU:C:2020:800, punt 30).

[51] Ara s-sentenza Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (punti 50, 51 u 53).

D. Fuq il-ħames domanda

93. Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 267 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tnedija ta' proċedura dixxiplinari fil-konfront ta' mħallef minħabba t-tressiq minn dan tal-aħħar ta' talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Kemm il-Gvern Ungeriż kif ukoll il-Kummissjoni talbu l-inammissibbiltà ta' din id-domanda, talba li jidhirli possibbli li tintlaqa' fuq livell strettament ġuridiku, minkejja ċirkustanzi li seħħew wara r-rinviju għal deċiżjoni preliminari partikolarment inkwetanti u ta' dispjaċir – espressjoni ewfemistika jekk possibbli.

94. Fil-fatt huwa paċifiku li, fil-25 ta' Ottubru 2019, il-President tal-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) adotta att li jirrigwarda t-tnedija ta' proċedura dixxiplinari fil-konfront tal-imħallef tal-qorti tar-rinviju, l-ewwel fażi ta' proċess li jwassal biex tiġi adita qorti dixxiplinari li tista' tiddeċiedi dwar il-ftuħ effettiv tal-proċedura u l-impożizzjoni ta' sanzjoni dixxiplinari. Skont l-att imsemmi iktar 'il fuq, ġie attribwit lill-imħallef tal-qorti tar-rinviju:

– minn naħa, ksur tal-prestiġju tal-professjoni ta' mħallef fir-rigward, b'mod partikolari, tad-deċiżjoni tal-Kúria li tiddikjara r-rinviju għal deċiżjoni preliminari bħala illegali (Artikolu 105(b) tal-Liġi dwar l-Istatus u r-Remunerazzjoni tal-Imħallfin)

– min-naħa l-oħra, nuqqas bi ħtija mit-twettiq tal-obbligi marbuta mal-funzjoni ta' mħallef, fis-sens li mid-deċiżjoni tal-Kúria ġiet dedotta l-eżistenza ta' raġuni għal rikuża fil-konfront tal-imħallef ikkonċernat minħabba lmenti personali fir-rigward ta' ċerti mexxejja tas-setgħa ġudizzjarja u li l-persuna kkonċernata jmissha ddikjarat din ir-raġuni għal rikuża lill-president tal-qorti tagħha u ma tkomplix tkun imħallef fil-kawża prinċipali (Artikolu 105(a) tal-Liġi dwar l-Istatus u r-Remunerazzjoni tal-Imħallfin).

95. Fit-22 ta' Novembru 2019, jiġifieri erbat ijiem wara t-talba għal deċiżjoni preliminari komplementari, il-President tal-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) irtira l-att ta' tnedija ta' proċedura dixxiplinari, li wassal għall-għeluq tagħha, minħabba li, għalkemm fil-kwalità tiegħu ta' president tal-qorti kkonċernata kellu l-obbligu li jniedi l-proċedura dixxiplinari, l-interessi tas-setgħa ġudizzjarja issa kienu jeħtieġu l-irtirar ta' din l-inizjattiva.

96. Kif ġie spjegat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiċħad talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali fil-każ biss li jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għad-domandi li jkunu sarulha [52].

97. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li t-tilwima fil-kawża prinċipali fil-kuntest li fih il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita b'mod preliminari ma tirrigwardax it-tnedija ta' proċedura dixxiplinari fil-konfront tal-imħallef tal-qorti tar-rinviju u lanqas ma tirrigwarda r-regolamenti tal-ġudikatura u d-dispożizzjonijiet tagħhom relatati mas-sistema dixxiplinari tal-imħallfin. Barra minn hekk, huwa paċifiku li l-att li jirrigwarda t-tnedija tal-proċedura dixxiplinari ġie rtirat u din tal-aħħar ingħalqet. F'dan il-kuntest, il-ħames domanda preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja ma tirrigwardax interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jissodisfa ħtieġa inerenti

[52] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 97 u 98).

għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali u risposta għaliha twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tifformula opinjoni konsultattiva dwar kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi, bħar-reazzjonijiet psikoloġiċi possibbli tal-imħallfin Ungeriżi għall-proċedura dixxiplinari mibdija fuq il-bażi tas-sentenza tal-Kúria fir-rigward tat-tressiq fil-futur ta' domandi preliminari. Għaldaqstant, il-ħames domanda preliminari għandha tiġi ddikjarata inammissibbli. Madankollu, fid-dawl tal-gravità intrinsika tal-att li jirrigwarda t-tnedija ta' proċedura intiża għall-impożizzjoni ta' sanzjoni dixxiplinari fil-konfront ta' mħallef minħabba r-rinviju għal deċiżjoni preliminari ordnat minnu, jidhirli indispensabbli li l-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, fis-sentenza tagħha, il-punti 55 sa 59 tas-sentenza Miasto Łowicz għall-istabbiliment ta' awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-prevenzjoni ta' kwalunkwe repetizzjoni ta' dan it-tip ta' azzjoni [53].

98. Għall-finijiet ta' kompletezza tal-missjoni ta' assistenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ser insemmi xorta waħda, fil-qosor, ir-rimedju fraġli ta' ammissibbiltà possibbli tal-ħames domanda preliminari. B'hekk huwa possibbli li t-talba għal deċiżjoni preliminari komplementari tiġi kkunsidrata bħala grupp indiviżibbli, li fih ir-raba' u l-ħames domanda huma marbutin b'mod strett biex ma ngħidx inseparabbli. Permezz ta' dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju tfittex li tkun taf jekk tistax, b'applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma tapplikax is-sentenza tal-Kúria sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu tat-tilwima fil-kawża prinċipali billi tintegra d-deċiżjoni preliminari mingħajr il-biża' li l-imħallef tal-qorti tar-rinviju jkun is-suġġett ta' tkomplija tal-proċedura dixxiplinari bbażata preċiżament fuq din is-sentenza, fejn dan kollu jikkostitwixxi l-problema ta' natura proċedurali li għandha tiġi deċiża *in limine litis*.

99. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-espressjoni "kwistjonijiet proċedurali tad-dritt nazzjonali", użata fil-punt 51 tas-sentenza Miasto Łowicz, hija kkaratterizzata minn ġeneralità xierqa, fejn l-għażla tal-kelma "kwistjonijiet" u mhux dik ta' "dispożizzjonijiet" probabbilment tixhed ix-xewqa tal-Qorti tal-Ġustizzja li żżomm ċerta flessibbiltà ta' interpretazzjoni tal-kriterju ta' neċessità li jirriżulta mill-Artikolu 267 TFUE. Għalhekk, din l-espressjoni tista' tkopri kull kwistjoni li ma taqax taħt is-soluzzjoni tat-tilwima fuq il-mertu iżda li tipparteċipa fiha b'mod indirett, minkejja li din ma taqax strettament taħt l-implimentazzjoni ta' regola ta' natura leġiżlattiva jew ġurisprudenzjali li tirregola l-preżentata ta' azzjoni quddiem qorti kompetenti, l-iżvolġiment tal-proċess, l-eżitu tiegħu u r-rimedji ġudizzjarji [54].

100. F'dawn iċ-ċirkustanzi, risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għar-raba' u l-ħames domanda, eżaminati flimkien, tkun ta' natura li tagħti lill-qorti tar-rinviju interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tippermettilha tiddeċiedi kwistjoni proċedurali tad-dritt nazzjonali qabel ma tkun tista' tiddeċiedi fuq il-mertu t-tilwima mressqa quddiemha. F'dan il-każ, din il-kwistjoni hija dik tal-kundizzjonijiet tat-tkomplija tal-proċedura kriminali fil-kawża prinċipali wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li twieġeb għal deċiżjoni tar-rinviju ddikjarata minn qabel bħala illegali minn sentenza tal-ogħla qorti nazzjonali li serviet ukoll ta' bażi għall-bidu ta' proċedura

[53] Għandhom jitfakkru l-kummenti tal-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-129/00 EU:C:2003:656), li skonthom il-qrati nazzjonali "jikkostitwixxu fl-istess ħin garanzija u kontropoter fi Stat Membru fil-każ ta' ksur, minn korpi oħra tal-Istat, tal-obbligi tagħhom skont it-Trattat". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[54] Din is-sitwazzjoni hija distinta preċiżament minn dik li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li domandi preliminari li jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' "dispożizzjonijiet" proċedurali tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti tar-rinviju kkonċernata għandha tapplika sabiex tagħti s-sentenza tagħha huma ammissibbli, kif ifakkar il-punt 50 tas-sentenza Miasto Łowicz. Huwa sinjifikattiv li jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li t-termini "jagħtu s-sentenza", fis-sens tal-Artikolu 267(2) TFUE, jinkludu "l-proċedura kollha li twassal għas-sentenza" tal-qorti tar-rinviju, filwaqt li qieset li l-imsemmija termini għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa' sabiex jiġi evitat li numru ta' kwistjonijiet proċedurali jitqiesu bħala inammissibbli u ma jkunux jistgħu jingħataw interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja u li din tal-aħħar ma tkunx tista' tieħu konjizzjoni tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti tar-rinviju hija obbligata tapplika (sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Gradbeništvo Korana, C-579/17, EU:C:2019:162, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

dixxiplinari kontra l-imħallef tal-qorti tar-rinviju. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħżel li tiddikjara l-ħames domanda inammissibbli, ir-risposta dwar il-mertu jidhirli li tinsab b'mod ċar fil-punti 55 sa 59 tas-sentenza Miasto Łowicz.

V. Konklużjoni

101. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej lill-Pesti Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest, l-Ungerija):

1) Fil-preżenza ta' regoli tad-dritt nazzjonali dwar l-eżerċizzju ta' rikors straordinarju intiż għall-unifikazzjoni tal-imsemmi dritt kontra deċiżjoni li tordna rinviju għal deċiżjoni preliminari, l-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' tali regoli li jippermettu lill-qorti superjuri adita tiddikjara din id-deċiżjoni bħala illegali, mingħajr ma taffettwa l-effetti legali tagħha fir-rigward tas-sospensjoni tal-proċedura fil-kawża prinċipali u t-tkomplija tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, għar-raġunijiet li d-domandi preliminari magħmula ma humiex neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima u huma intiżi sabiex tiġi kkonstatata l-inkompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. Is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni tobbliga lill-qorti nazzjonali tar-rinviju twarrab dawn ir-regoli u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jagħtuhom effett.

2) L-Artikoli 2, 3 u 5 tad-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jobbligaw lill-Istati Membri jiżguraw lill-persuni ssuspettati jew akkużati, li ma jitkellmux jew ma jifhmux il-lingwa tal-proċedura kriminali, il-possibbiltà li jilmentaw minn kwalità ta' interpretazzjoni li ma tkunx suffiċjenti, li ma tkunx ta' natura li tippermettilhom ikollhom għarfien tal-fatti li ġew akkużati bihom u jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2010/64 ma jobbligax lill-Istati Membri jistabbilixxu reġistru ta' tradutturi u interpreti indipendenti li għandhom il-kwalifiki meħtieġa.

3) Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tad-Direttivi 2010/64, 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dawn ma jipprekludux il-possibbiltà ta' sentenza fil-kontumaċja dwar l-akkużat, li ma jitkellimx jew ma jifhimx il-lingwa tal-proċedura kriminali u fejn ma jistax jiġi stabbilit li huwa ġie informat, matul l-investigazzjoni, bis-suspetti jew l-akkużi fil-konfront tiegħu minħabba interpretazzjoni inadegwata, sa fejn l-avukat li jirrappreżenta lill-imsemmi akkużat ikollu l-possibbiltà li jikkontesta r-regolarità ta' att u, jekk ikun il-każ, il-proċedura kollha kemm hi minħabba l-ksur ta' dan id-dritt għall-informazzjoni. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/13, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża tiġi kkomunikata lid-difiża tal-akkużat li dwaru tingħata deċiżjoni fl-assenza tiegħu qabel ma l-qorti tibda teżamina l-mertu tal-akkuża u qabel tibda t-trattazzjoni quddiemha, bla ħsara għall-fatt li l-miżuri kollha neċessarji jkunu ttieħdu mill-qorti sabiex jiġi ggarantit ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedura.